# KONKLUŻJONIJIET TAL-AVUKAT ĠENERALI TRSTENJAK

ippreżentati fit-18 ta' Frar 2009 [1]

## I — Introduzzjoni

1. B'din it-talba għal deċiżjoni preliminari, il-Qorti tal-Ġustizzja qed tiġi mitluba tagħti risposta għal żewġ domandi preliminari li għamlet il-Verwaltungsgerichtshof Awstrijaka (Qorti Amministrattiva Suprema Awstrijaka; iktar 'il quddiem: il-"qorti tar-rinviju") dwar l-interpretazzjoni u, jekk ikun il-każ, il-validità tal-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006, tal-20 ta' Frar 2006 li jistabbilixxi skema temporanja ta' ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor fil-Komunità u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1290/2005 dwar il-finanzjament tal-politika agrikola komuni [2].

2. Din it-talba ġiet ippreżentata fil-kuntest ta' kawża bejn il-kumpannija Agrana Zucker GmbH (iktar 'il quddiem: ir-"rikorrenti") u l-Bundesministerium für Land- und Forstwirtschaft, Umwelt und Wasserwirtschaft (Ministeru Federali tal-Agrikoltura, tal-Foresti, tal-Ambjent u tal-Ilma; iktar 'il quddiem: il-"konvenut") dwar il-validità ta' deċiżjoni mogħtija fuq il-bażi tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, li permezz tagħha l-konvenut impona fuq ir-rikorrenti l-ħlas tal-ewwel rata tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07.

3. Permezz tal-ewwel domanda preliminari, il-qorti tar-rinviju essenzjalment qed tistaqsi jekk l-ammont tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni li għandu jitħallas għandux jiġi kkalkolat fuq il-kwota kollha allokata jew jekk il-kalkolu għandux isir esklużivament fuq il-bażi tal-kwota effettivament disponibbli wara t-tnaqqis tal-ammont irtirat mis-suq wara l-irtirar preventiv mis-suq. It-tieni domanda preliminari, min-naħa l-oħra, għandha l-għan li tivverifika l-kompatibbiltà tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 mad-dritt Komunitarju ta' livell superjuri.

## II — Il-kuntest ġuridiku

4. Fil-kuntest tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq (iktar 'il quddiem: l-"OKS") fis-settur taz-zokkor, fl-20 ta' Frar 2006, il-Kunsill adotta kemm ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 318/2006 tal-20 ta' Frar 2006 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor [3] kif ukoll ir-Regolament Nru 320/2006. Fuq il-bażi tal-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 318/2006, il-Kummissjoni adottat xi miżuri tranżitorji.

1 — Lingwa oriġinali: il-Ġermaniż.

2 — ĠU L 58, 28 ta' Frar 2006, p. 42

3 — ĠU L 58, 28 ta' Frar 2006, p. 1

A — *Ir-Regolament Nru 318/2006*

5. Fost l-istrumenti ta' ġestjoni tas-suq li ġew introdotti bir-Regolament Nru 318/2006, insibu l-irtirar taz-zokkor mis-suq skont l-Artikolu 19 ta' dan ir-regolament li, *inter alia*, jistabbilixxi dan li ġej:

"1. Sabiex jinżamm il-bilanċ strutturali tas-suq f'livell ta' prezzijiet qrib il-prezz ta' referenza, b'kunsiderazzjoni tal-obbligi tal-Komunità li jirriżultaw minn ftehim konklużi skont l-Artikolu 300 tat-Trattat, perċentwali, li tkun komuni għall-Istati Membri kollha, ta' zokkor taħt il-kwota, [...], tista' tiġi rtirata mis-suq sal-bidu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni segwenti.

[...]

2. Il-perċentwali ta' rtirar imsemmija fil-paragrafu 1 għandha tiġi ffissata sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata fuq il-bażi tal-iżviluppi mistennija tas-swieq matul dik is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni.

3. Kull impriża li jkollha kwota għandha taħżen, bi spejjeż tagħha, matul il-perijodu ta' rtirar, l-ammonti ta' zokkor li jikkorrispondu għall-applikazzjoni tal-perċentwali msemmija fil-paragrafu 1 għall-produzzjoni tagħhom taħt il-kwota għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ikkonċernata.

L-ammonti ta' zokkor irtirati mis-suq matul sena ta' kummerċjalizzazzjoni għandhom jiġu kkunsidrati bħala l-ewwel ammonti prodotti taħt il-kwota għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara. Madankollu, jekk jitqiesu l-iżviluppi mistennija tas-suq taz-zokkor, skont il-proċedura msemmija fl-Artikolu 39 (2), jista' jiġi deċiż li, għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni fis-seħħ u/jew ta' wara, parti miz-zokkor jew iz-zokkor kollu [...] irtirat mis-suq jitqies bħala:

— zokkor żejjed [...] li jista' jsir zokkor industrijali, [...] jew,

— kwota ta' produzzjoni temporanja li parti minnha tista' tiġi riżervata għall-esportazzjoni fir-rispett tal-impenji tal-Komunità li jirriżultaw minn ftehim konklużi taħt l-Artikolu 300 tat-Trattat.

[…]" [traduzzjoni mhux uffiċjali]

B — *Ir-Regolament Nru 320/2006*

6. L-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 jirregola l-ġbir tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni. Din id-dispożizzjoni tipprovdi fid-dettall dan li ġej:

"1. Għandu jitħallas ammont temporanju għar-ristrutturar għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għal kull tonnellata ta' kwota minn dawk l-impriżi li għalhom kienet allokata kwota.

Il-kwoti li kienu rinunzjati minn impriża sa minn sena ta' kummerċjalizzazzjoni partikolari skond l-Artikolu 3(1) m'għandhomx ikunu soġġetti għall-ħlas ta' ammont temporanju għar-ristrutturar għal din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni u għas-snin ta' kummerċjalizzazzjoni sussegwenti.

2. L-ammont temporanju għar-ristrutturar għaz-zokkor u x-xiropp ta' l-inulina għandu jkun stabbilit bħala:

— EUR 126.40 t-tunnellata tal-kwota għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/2007,

— EUR 173.80 għal kull tunnellata metrika ta' kwota għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008,

— EUR 113.3 t-tunnellata tal-kwota għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2008/2009.

L-ammont temporanju għar-ristrutturar għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni għall-isoglukożju għandu jkun stabbilit għal ammont ugwali għal 50 % ta' l-ammonti stabbiliti fl-ewwel subparagrafu.

3. L-Istati Membri għandhom ikunu responsabbli lejn il-Komunità għall-ammont temporanju għar-ristrutturar li għandu jinġabar fit-territorju tagħhom..

L-Istati Membri għandhom iħallsu l-ammont temporanju għar-ristrutturar lill-fond għar-ristrutturar f'żewġ pagamenti, kif ġej:

— 60 % sal-31 ta' Marzu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata, u

— 40 % sat-30 ta' Novembru tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara.

[…]

5. It-totalità ta' l-ammonti temporanji għar-ristrutturar li għandhom jitħallsu skond il-paragrafu 3 għandha tkun allokata mill-Istat Membru fost l-impriżi fit-territorju tiegħu skond il-kwota allokata matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata.

L-impriżi għandhom iħallsu l-ammont temporanju għar-ristrutturar f'żewġ pagamenti, kif ġej:

— 60 % sa l-aħħar ta' Frar tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni kkonċernata, u

— 40 % sal-31 ta' Ottubru tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni ta' wara".

C — *Ir-Regolament (KE) Nru 493/2006*

7. Fost il-miżuri previsti bir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006 tas-27 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi miżuri tranżitorji fil-kuntest tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, u li jemenda r-Regolament (KE) Nru 1265/2001 u r-Regolament (KE) Nru 314/2002[4] sabiex tiġi ggarantita t-tranżizzjoni mill-iskema li kienet teżisti qabel lejn

4 — ĠU L 89, 28 ta' Mejju 2006, p. 11

l-iskema l-ġdida, insibu l-"irtirar preventiv mis-suq".

8. F'dan ir-rigward, is-sitt premesa tipprovdi dan li ġej:

"Biex jittejjeb il-bilanċ tas-suq fil-Komunità mingħajr ma jinħolqu ħażniet ġodda ta' zokkor matul is-sena 2006/07, għandha tiġi prevista miżura tranżitorja intiża li tnaqqas il-produzzjoni ammissibbli tal-kwota matul l-imsemmija sena ta' kummerċjalizzazzjoni. Għandu jiġi ffissat limitu li jekk jinqabeż, il-produzzjoni tal-kwota ta' kull impriża għandha titqies bħala li ġiet irtirata skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006 jew, fuq talba tal-impriża, bħala produzzjoni li teċċedi l-kwota skont l-Artikolu 12 tal-istess regolament. Jekk titqies it-tranżizzjoni minn skema għall-oħra, dan il-limitu għandu jiġi kkalkolat billi jingħaqdu flimkien, f'partijiet indaqs, il-metodu previst fl-Artikolu 10 tar-Regolament (KE) Nru 1260/2001 u dak previst fl-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006 u għandhom ukoll jiġu kkunsidrati l-isforzi partikolari mwettqa minn ċerti Stati Membri fil-kuntest tal-fond ta' ristrutturazzjoni stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 320/2006 […]". [traduzzjoni mhux uffiċjali]

9. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006 jistabbilixxi d-dispożizzjonijiet tranżitorji li jikkonċernaw l-irtirar preventiv mis-suq, kif ġej:

"1. Għal kull impriża, il-parti ta' [produzzjoni taz-zokkor] tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, prodotta fil-kuntest tal-kwoti li jinsabu fl-Anness III għar-Regolament (KE) Nru 318/2006 u li taqbeż il-limitu ffissat skont il-paragrafu 2 ta' dan l-artikolu, għandha titqies bħala rtirata skont l-Artikolu 19 tal-imsemmi regolament, jew, fuq talba tal-impriża kkonċernata, li għandha tiġi ppreżentata sal-31 ta' Jannar 2007, hija kkunsidrata bħala totalment jew parzjalment prodotta iktar mill-kwota, skont l-Artikolu 12 tal-istess regolament.

2. Għal kull impriża, il-limitu msemmi fil-paragrafu 1 għandu jiġi stabbilit billi l-kwota allokata lill-impriża, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament (KE) Nru 318/2006, tiġi mmoltiplikata bit-total tal-koeffiċjenti li ġejjin:

(a) il-koeffiċjent iffissat għall-Istat Membru rispettiv inkluż fl-Anness I ta' dan ir-regolament;

(b) il-koeffiċjent miksub billi t-total tal-kwoti rrinunzjati matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07 fl-Istat Membru

kkonċernat, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006, jiġi diviż bit-total tal-kwoti ffissati għall-istess Stat Membru fl-Anness III tar-Regolament (KE) Nru 318/2006. Il-Kummissjoni għandha tiffissa dan il-koeffiċjent sal-15 ta' Ottubru 2006.

Madankollu, jekk it-total tal-koeffiċjenti jaqbeż l-1.0000, il-limitu għandu jkun daqs il-kwota msemmija fil-paragrafu 1".

**III — Il-fatti, il-kawża prinċipali u d-domandi preliminari**

10. Il-konvenut, permezz ta' deċiżjoni tas-26 ta' Ġunju 2006 dwar l-allokazzjoni ta' kwoti għall-produzzjoni taz-zokkor fis-snin tas-suq bejn l-2006/07 u l-2014/2015 (l-aħħar sena inkluża) kif ukoll bid-deċiżjoni tat-18 ta' Diċembru 2006 dwar l-għoti ta' kwota addizzjonali ta' zokkor, assenja lir-rikorrenti kwota ta' zokkor kumplessiva ta' 405812.4 t (kwota ta' zokkor ta' 387326.4 t minbarra kwota addizzjonali ta' zokkor għal 18486.0 t). Bid-deċiżjoni tat-28 ta' Ġunju 2006, il-konvenut stabbilixxa, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006, limitu għall-produzzjoni taz-zokkor taħt il-kwota fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07. Permezz ta' dan l-irtirar preventiv mis-suq, il-kwota tar-rikorrenti naqset b'57246.84 t.

11. Bid-deċiżjoni tas-16 ta' Jannar 2007 tal-President tas-settur tal-attività I tal-Agrarmarkt Austria (persuna ġuridika rregolata bid-dritt pubbliku stabbilita mill-konvenut biex tqassam l-għajnuna; iktar 'il quddiem: "AMA"), ir-rikorrenti ġiet ordnata tħallas l-ewwel rata tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni marbut mas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, ikkalkolat fuq il-bażi tal-kwota oriġinali, jiġifieri EUR 3077 68 12 .42.

12. Ir-rikorrenti kkontestat din id-deċiżjoni. Bid-deċiżjoni tas-16 ta' April 2007, li dwar il-legalità tagħha l-qorti tar-rinviju qed tintalab tagħti d-deċiżjoni tagħha fil-kawża prinċipali, il-konvenut ċaħad ir-rikors bħala infondat.

13. Mid-digriet tar-rinviju jirriżulta li, fil-proċedura quddiem il-qorti amministrattiva, hemm nuqqas ta' qbil rigward il-kwistjoni jekk il-kontribut għar-ristrutturazzjoni previst fl-Artikolu 11(2) tar-Regolament Nru 320/2006 għandux jiġi kkalkolat fuq il-bażi tal-kwota totali allokata, kif għamel il-konvenut, jew jekk il-kwota li fuqha għandu jsir il-kalkolu għandhiex titnaqqas fir-rigward tal-limitu ta' produzzjoni u tal-irtirar preventiv mis-suq li huwa relatat. Skont l-argument tar-rikorrenti, il-kontribut għar-ristrutturazzjoni għandu jiġi kkalkolat biss għal 348565.56 t (jiġifieri, b'referenza għall-kwantità effettiva taħt il-kwota ta' zokkor) u mhux għal 405812.4 t (jiġifieri, b'referenza għall-kwota li ġiet allokata fil-bidu u li tnaqqset sussegwentement), iktar u iktar peress li hija ma setgħetx tbigħ fuq is-suq il-kwantità residwali bħala zokkor taħt il-kwota.

14. Mit-talba għal deċiżjoni preliminari jirriżulta li r-rikorrenti tqis li l-inklużjoni talkwantità residwali, li mhix disponibbli minħabba t-tnaqqis fil-kwoti skont l-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 493/2006 fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, fil-bażi talkalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni dovut għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, mhix ammissibbli taħt id-dritt Komunitarju, peress li tikser il-prinċipju ta' proporzjonalità stabbilit mid-dritt primarju u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni stabbilita fl-Artikolu 34(2) KE.

15. Il-qorti tar-rinviju tqis li r-rikorrenti filkawża prinċipali ma kellhiex dritt li tippreżenta rikors għal annullament skont l-Artikolu 230 KE, u, għalhekk, hija tista' tinvoka, fil-kawża prinċipali, l-illegalità ta' att Komunitarju.

16. F'dawn iċ-ċirkustanzi, il-Verwaltungsgerichtshof iddeċiedet li tissospendi l-proċeduri u li tistaqsi lill-Qorti tal-Ġustizzja d-domandi preliminari li ġejjin:

"1) L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 tal-20 ta' Frar 2006 għandu jiġi interpretat fis-sens li kwota taz-zokkor li, wara rtirar mis-suq b'għan preventi skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006, tas-27 ta' Marzu 2006, ma tistax tintuża' kompletament, għandha tkun parti integrali mill-kalkolu talammont temporanju għar-ristrutturazzjoni?

2) Fil-każ ta' risposta affermattiva għallewwel domanda:

L-Artikolu 11 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 320/2006 huwa kompatibbli mad-dritt primarju, b'mod partikolari mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni li jirriżulta mill-Artikolu 34 KE u malprinċipju tal-protezzjoni tal-aspettativi leġittimi?"

## IV — Il-proċedura quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja

17. Id-digriet tar-rinviju tad-19 ta' Novembru 2007 ġie ppreżentat fir-Reġistru tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-24 ta' Jannar 2008.

18. Il-Kunsill, il-Gvern tar-Repubblika tal-Litwanja kif ukoll il-Kummissjoni ppreżentaw osservazzjonijiet bil-miktub fit-terminu stabbilit mill-Artikolu 23 tal-Istatut tal-Qorti tal-Ġustizzja.

19. Il-Qorti tal-Ġustizzja, fil-kuntest tal-miżuri ta' organizzazzjoni tal-proċedura, għamlet mistoqsija bil-miktub lill-Kummissjoni, u ngħatat tweġiba għaliha.

20. Peress li l-ebda waħda mill-partijiet ma talbet il-ftuħ ta' proċedura orali, it-talbiet f'din il-kawża setgħu jitressqu quddiem l-Assemblea Ġenerali tal-Qorti tal-Ġustizzja fl-4 ta' Novembru 2008.

## V — L-argumenti prinċipali tal-partijiet

21. Kemm il-*Kunsill* kif ukoll il-*Kummissjoni* jsostnu li l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 għandu jiġi interpretat bħala li anki l-kwota ta' zokkor li ma tistax tintuża b'mod effettiv minħabba rtirar preventiv mis-suq, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006, għandha tiġi inkluża fil-kalkolu tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni.

22. Il-*Gvern Litwan* isostni argument kuntrarju. Skont dan l-argument, il-kelma "kwota" fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 għandha tiġi intepretata bħala li hija l-kwota tabilħaqq għad-dispożizzjoni tal-impriżi fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni, jiġifieri l-kwotta li tirriżulta wara l-irtirar preventiv mis-suq.

23. B'mod akar speċifiku, il-*Kunsill* qed isostni li hija biss l-interpretazzjoni li ssuġġerixxa huwa stess tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 li tqis il-kitba u l-għan ta' din id-dispożizzjoni. Minn dan jirriżulta b'mod ċar li l-kontribut għar-ristrutturazzjoni għandu jinġabar għal kull tunnellata metrika ta' kwota allokata lil impriża, u li għandhom jiġu eżentati mill-ħlas totali jew parzjali tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni biss dawk l-impriżi li rrinunzjaw definittivament għall-kwota tagħhom, jiġifieri għall-produzzjoni tagħhom. Il-kontributi li jinġabru b'dan il-mod ikunu ddestinati — bħala dħul b'għan speċifiku — sabiex jiffinanzjaw l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni u jiggarantixxu l-istabbilità tal-baġit u n-newtralità kif iddefinita mil-leġiżlatur Komunitarju.

24. Rigward il-kwistjoni tal-validità ta' din id-dispożizzjoni, il-Kunsill josserva li l-irtirar mis-suq għandu l-għan leġittimu tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, u speċjalment iż-żamma tal-bilanċ strutturali fuq livell ta' prezz qrib il-prezz ta' referenza. Sitwazzjoni simili tikkaratterizza l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006, li r-regolamentazzjoni tal-irtirar preventiv mis-suq tiegħu ġiet adottata bħala miżura tranżitorja, sabiex jittejjeb il-bilanċ tas-suq fil-Komunità mingħajr ma jin-

ħolqu provvisti ġodda ta' zokkor matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07. Barra minn hekk, l-effett negattiv tal-irtirar mis-suq ikun marġinali għal impriża meta pparagunat mal-effett globali pożittiv li jkollu fuq is-suq taz-zokkor fil-Komunità. Billi ma teżistix sitwazzjoni ta' produzzjoni żejda, il-livell globali tal-prezzijiet jista' jinżamm qrib il-prezz ta' referenza; wara kollox minn dan ser jibbenefikaw l-impriżi li jibqgħu fis-suq.

25. Il-Kunsill qed jiċħad li hemm ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, u rrefera għaċ-ċirkustanza li l-impriżi kollha għandhom iħallsu l-kontribut għar-ristrutturazzjoni kkalkolat fuq il-bażi tal-kwoti li ġew allokati lilhom. L-allokazzjoni tal-kwoti u l-ġestjoni sussegwenti min-naħa tal-Istati Membri kif ukoll il-koeffiċjenti applikati skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006 għandhom l-għan li jnaqqsu bl-istess proporzjon il-produzzjoni eċċessiva f'kull Stat Membru, sabiex jintlaħaq il-bilanċ fil-produzzjoni mal-Komunità kollha. Fil-każ ta' żewġ impriżi stabbiliti f'żewġ Stati Membri, inkunu quddiem każijiet differenti li ma jistgħux jiġu ttrattati bl-istess mod. Ikun xi jkun il-każ, differenza fit-trattament tkun iġġustifikata oġġettivament mir-*ratio* u mill-għan tal-iskema tal-koeffiċjenti.

26. Rigward l-intepretazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, il-*Kummissjoni* essenzjalment qed tinvoka l-istess argumenti tal-Kunsill.

27. Fir-rigward tal-kwistjoni marbuta mal-validità ta' din id-dispożizzjoni, il-Kummissjoni l-ewwel nett tistabbilixxi li r-rikorrenti u l-qorti tar-rinviju ma kellhom l-ebda dubju dwar l-ammissibbiltà tal-għanijiet tar-riforma taz-zokkor tal-2006. Hija ssostni wkoll li jkun rilevanti u xieraq li mill-kontribut għar-ristrutturazzjoni ma jkunux esklużi dawk l-ammonti ta' zokkor li, wara mekkaniżmi oħra tas-suq, u b'mod speċjali dak tal-irtirar preventiv mis-suq, minkejja li ma jistgħux jinbiegħu fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni fil-kuntest tas-sistema tal-kwoti, ma jiġux definittivament irtirati mis-suq.

28. L-ewwel nett, il-finanzjament tal-għajnuna għar-ristrutturazzjoni jista' jiġi żgurat biss fuq il-bażi tal-kalkolu li jista' jiġi ppjanat bil-quddiem. It-tieni nett, ir-rinunzja għall-kwoti, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006, u l-irtirar preventiv mis-suq, skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006, ma jistgħux jiġu pparagunati ma' xulxin. Tal-ewwel tirrappreżenta miżura ta' titjib strutturali tas-suq għal perijodu twil ta' żmien, it-tieni skema ta' sostenn tal-prezzijiet għal perijodu qasir ta' żmien, li ma tikkontribwixxix għar-ristrutturazzjoni tas-suq taz-zokkor. It-tielet nett, il-konsegwenzi ekonomiċi tal-inklużjoni tal-ammonti ta' zokkor invokati fl-irtirar mis-suq fil-bażi tal-kalkolu għall-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni huma limitati. Flimkien ma' dan irridu nqisu wkoll li l-impriżi bħar-rikorrenti kellhom il-possibbiltà li jnaqqsu għal livell minimu jew saħansitra jevitaw il-konsegwenzi finanzjarji diretti tal-irtirar mis-suq tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07. B'hekk, diġà fit-3 ta' Frar 2006, il-Kummissjoni infurmat lill-produtturi

tal-pitravi u taz-zokkor, f'komunikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*[5], bil-possibbiltà li, minħabba s-sitwazzjoni prevedibbli fis-suq Komunitarju taz-zokkor, jirtiraw mis-suq skont kif ippermettielhom il-Kunsill, bħala dispożizzjoni tranżitorja. Ir-Regolament Nru 493/2006, li permezz tiegħu l-Kummissjoni ordnat l-irtirar mis-suq għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, sussegwentement ġie ppubblikat f'Marzu 2006. Bħala l-unika produttriċi taz-zokkor fl-Awstrija, ir-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tnaqqas il-produzzjoni tagħha għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni, sabiex timpedixxi t-trasferiment tal-ammonti ta' zokkor irtirati jew il-bejgħ tagħhom eċċessivament mill-kwota.

29. Rigward il-kontestatazzjoni tal-ksur tal-prinċipju ta' projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, il-Kummissjoni tiċċara li l-argument tar-rikorrenti jirreferi għall-koeffiċjenti tal-kalkolu previsti fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Nru 493/2006, filwaqt li d-domanda preliminari tirreferi esklużivament għall-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 320/2006. Indipendentement mill-fatt li din l-applikazzjoni tal-irtirar preventiv fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, ibbażata fuq id-dispożizzjoni tranżitorja, ma tirrappreżentax bħala tali s-suġġett tar-rinviju, il-Kummissjoni tqis li l-effett differenti tad-dispożizzjoni ma jikkostitwixxix differenza fit-trattament jew li, skont il-każ, jista' jiġi oġġettivament iġġustifikat. Il-kunsiderazzjoni tar-rinunzja għall-kwoti fuq il-livell tal-Istati Membri tirriżulta mill-fatt li, fis-settur taz-zokkor, sakemm tintemm l-iskema tal-kwoti bis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2014/2015, il-kwoti taz-zokkor jiġu allokati lill-Istati Membri u dawn sussegwentement iqassmuhom bejn l-impriżi stabbiliti fit-territorju nazzjonali tagħhom. Il-leġiżlatur Komunitarju qies li, fil-fażi tranżitorja, l-aħjar mod biex jintlaħaq l-għan tar-ristrutturazzjoni tas-suq taz-zokkor kien li tiġi organizzata r-rinunzja definittiva għall-kwoti wkoll f'kuntest stess tal-Istati Membri.

30. Il-*Gvern Litwan* isostni li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 320/2006 ma jiddefinixxix b'mod ċar għal liema kwota allokata qed issir referenza, jekk hijiex il-kwota allokata fil-bidu jew il-kwota allokata wara l-irtirar preventiv mis-suq. Huwa jqis ukoll li mit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 320/2006 ma jistax jiġi dedott li l-impriżi li ma jkunu rrinunzjaw għall-ebda kwota għandhom iħallsu kontributi li jiġu kkalkolati fuq il-bażi tal-kwota totali li ġiet allokata fil-bidu.

31. Huwa qed isostni wkoll li l-ammonti ta' zokkor irtirati ma jistgħux jinbiegħu bħala ammonti taħt il-kwoti u li l-possibbiltà offruta mill-Artikolu 19(3) tar-Regolament Nru 318/2006 bl-ebda mod ma tippermetti li ma' kwota ta' zokkor jiġi pparagunat l-ammont li bih tnaqqset il-kwota permezz tal-irtirar preventiv mis-suq.

5 — Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-produtturi tal-pitravi u taz-zokkor (ĠU C 27, 3 ta' Frar 2006, p. 8).

32. Jekk l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 jiġi interpretat bħala li, biex jiġi kkalkolat l-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni, fil-bażi tal-kalkolu għandha titqies kwota ta' zokkor li ma tistax tintuża wara rtirar preventiv mis-suq, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006, tali metodu ta' kalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni jwassal għal piż finanzjarju sostanzjali li ma jkunx iġġustifikat u konsegwentement għal piż fiskali bla bażi għall-impriżi. Filwaqt li rrefera għas-sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Zuckerfabrik Jülich *et*[6], il-Gvern Litwan enfasizza li, minkejja s-setgħa diskrezzjonali wiesgħa li għandhom l-istituzzjonijiet Komunitarji fis-settur agrikolu, il-produtturi ma għandhomx jiġu mgħobbija lil hinn minn dak li jkun meħtieġ biex jintlaħaq l-għan segwit permezz tal-impożizzjoni.

33. Interpretazzjoni bħal din timplika wkoll differenza fit-trattament, tant li l-miżura preventiva tiġi adottata billi fil-konfront tal-Istati Membri jiġu applikati koeffiċjenti differenti u t-tnaqqis tal-kwoti jista' jkun inqas għall-impriżi stabbiliti fi Stat Membru meta pparagunat mal-impriżi stabbiliti fi Stat Membru ieħor, u dan indipendentement mill-aġir tagħhom. Dan iwassal għal distorsjoni tal-kompetizzjoni fis-suq intern kif ukoll għal differenza fit-trattament mhux iġġustifikata tal-impriżi li ma jkunux irtiraw mis-suq.

## VI — Evalwazzjoni ġuridika

### A — *Kunsiderazzjonijiet preliminari*

34. Bir-Regolamenti tal-Kunsill Nru 318/2006 u Nru 320/2006 u bir-Regolament tal-Kummissjoni Nru 493/2006, il-leġiżlatur Komunitarju ta bidu għal riforma radikali fl-organizzazzjoni Ewropea tas-swieq taz-zokkor. Bl-iskema l-ġdida, li daħlet fis-seħħ fl-1 ta' Lulju 2006, sistema li kważi baqgħet l-istess għal 40 sena[7] ġiet inkluża fir-riforma ġenerali tal-politika agrikola komuni (PAK)[8].

6 — Sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, Zückerfabrik Jülich *et* (C-5/06 u C-23/06 sa C-36/06, Ġabra p. I-3231).

7 — L-organizzazzjonijiet komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor sa issa kienu kkaratterizzati mill-iskemi ta' sostenn tal-prezzijiet tagħhom u mit-tqassim tal-kwoti. Madwar 70 % mill-prodotti agrikoli li jitkabbru fil-Komunità (pereżempju, iċ-ċereali, iz-zokkor, il-prodotti tal-ħalib, il-laħam, ċerti tipi ta' frott u ta' ħaxix kif ukoll l-inbid tal-mejda) huma suġġetti għal skemi ta' sostenn tal-prezzijiet (ara C. M. Brú Purón, *Exégesis conjunta de los tratados vigentes y constitucional europeos*, Cizur Menor 2005, Artikolu 34, p. 777). L-iskema tal-kwoti, li nħolqot fl-1967 bl-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor, tippermetti li l-prezzijiet jinżammu relattivament għoljin mingħajr ma jiġu prodotti ammonti eċċessivi. L-iskema tal-kwoti għall-bidu kellha tkun provviżorja u kellha tiskadi fl-1975, iżda ġiet estiża iktar minn darba. Wara, ġiet stabbilita b'mod iktar flessibbli, sabiex ikunu jistgħu jiżdiedu l-kwoti favur il-produtturi taz-zokkor l-iktar effiċjenti (ara G. Olmi, *Politique agricole commune*, Brussell 1991, p. 173; R. Priebe, fi Grabitz/Hilf, *Das Recht der Europäischen Union*, Munich 2008, Volum I, Artikolu 34, punt 57).

8 — Dwar ir-riforma tal-politika agrikola komuni, deċiża fil-Kunsill Ewropew tas-26 ta' Marzu 1999 f'Berlin, li ġiet immedija bl-adozzjoni tal-"Aġenda 2000", ara l-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fit-3 ta' Frar 2009, Kawża C-428/07, Horvath (proċeduri fis-seħħ, punt 45 *et seq*).

35. Din għandha l-għan li tiżgura l-prospetti futuri għal perijodu twil ta' żmien tal-produzzjoni taz-zokkor fl-Unjoni Ewropea, ittejjeb il-kompettività u l-orjentazzjoni lejn is-suq tagħha u ssaħħaħ il-pożizzjoni tal-Unjoni Ewropea fin-negozjati kummerċjali attwali. L-elementi ewlenin tar-riforma huma tnaqqis tal-prezz minimu ggarantit għaz-zokkor, l-ammont ta' kumpens lill-bdiewa u fond għar-ristrutturazzjoni bħala inċentiv għall-produtturi taz-zokkor aktar dgħajfa mill-perspettiva tal-kompetizzjoni sabiex joħorġu mill-produzzjoni. L-iskema għar-ristrutturazzjoni tiġi ffinanzjata mill-ġbir ta' kontribut speċifiku għar-ristrutturazzjoni fuq il-kwoti kollha għas-sustanzi li jagħtu togħma ħelwa.

36. Fil-qalba ta' din il-kawża nsibu l-evalwazzjoni ġuridika tal-metodi ta' kalkolu tal-ammont għar-ristrutturrazzjoni, li fir-rigward tal-legalità tagħhom ir-rikorrenti — bħala persuna li għandha tħallas dan il-kontribut — qed tqajjem dubji. Ir-rinviju għal deċiżjoni preliminari għaldaqstant għandu jinftiehem bħala li l-ewwel domanda preliminari qed titlob interpretazzjoni tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 bħala bażi legali tad-dritt Komunitarju għall-adozzjoni tad-deċiżjoni kkontestata mogħtija fi Stat Membru, filwaqt li t-tieni waħda teżamina l-validità ta' din id-dispożizzjoni.

B — *Fuq l-ewwel domanda preliminari*

37. Fir-rigward tal-ewwel domanda preliminari, l-ewwel nett għandna niftakru li t-test ta' dispożizzjoni, skont il-prinċipji ta' interpretazzjoni tradizzjonali, huwa dejjem il-punt ta' tluq u, fl-istess ħin, il-limitu ta' kull interpretazzjoni [9]. Fost il-metodi l-oħra ta' interpretazzjoni li jrid jagħmel użu minnhom l-operatur ġuridiku, skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġutizzja, biex jaċċerta l-kontenut leġiżlattiv ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju, insibu l-interpretazzjoni teleoloġika u dik storika.

38. Mill-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 320/2006 l-ewwel nett jirriżulta li "l-impriżi li jiġu *allokati* kwota" għandhom iħallsu għal kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni "għal kull tunnellata ta' kwota" ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni. Din id-dispożizzjoni ssemmi espressament mhux il-parti tal-kwota li għaliha l-prodottur ikun effettivament ipproduċa z-zokkor, kif jidher biċ-ċar li temmen ir-rikorrenti, iżda l-kwota

9 — F'dan is-sens, ara D. Ehlers, *Allgemeines Verwaltungsrecht* (Editur H.-U. Erichsen *et*); § 2 I 6, p. 59, punt 14. L-Avukat Ġenerali Léger, fil-konklużjonijiet tiegħu ppreżentati fit-28 ta' Settembru 2004 fil-Kawża Schulte (sentenza tal-25 ta' Ottubru 2005, C-350/03, Ġabra p. I-9215, punti 84 *et seq*), b'ċertu mod beda mill-premessa li kienet tipprevali l-interpretazzjoni litterali meta sostna li jsir użu mill-interpretazzjoni teleoloġika biss meta d-dispożizzjoni kkonċernata tagħti lok għal diversi intepratazzjonijiet jiġifieri meta t-test inkwistjoni ma jkunx jista' jiġi intepretat faċilment fuq il-bażi tad-diċitura litterali biss, pereżempju minħabba l-ambigwità tiegħu. C. Baldus/F. Vogel, "Gedanken zu einer europäischen Auslegungslehre: grammatikalisches u historisches Element", *Fiat iustitia — Recht als Aufgabe der Vernunft, Festschrift für Peter Krause zum 70. Geburtstag*, Berlin 2006, p. 247 *et seq*, ma jiċħdux li l-interpretazzjoni litterali hija l-punt ta' tluq tal-interpretazzjoni ta' kwalunkwe dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju. Madankollu, huma jsemmu d-diffikultà, fid-dawl tal-għadd ta' ilsna fi ħdan il-Komunità, li tinstab interpretazzjoni affidabbli, biex b'hekk huwa meħtieġ li jsir użu minn metodi ermenewtiċi oħrajn, bħall-interpretazzjoni teleoloġika u dik storika.

globali *allokata* lill-imprenditur rispettiv [10]. Huwa għal dan li qed jirreferu, ġustament, il-Kummissjoni u l-Kunsill. Din id-dispożizzjoni b'hekk torbot l-obbligu li jitħallas l-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni esklużivament mal-allokazzjoni ta' kwota fissena ta' kummerċjalizzazzjoni korrisponenti, mingħajr ma ssir distinzjoni jew stħarriġ dwar fejn se jispiċċaw l-ammonti ta' zokkor effettivament prodotti. Konsegwentement, skont din l-interpretazzjoni, il-bidliet sussegwenti fil-kwota ma humiex importanti għall-finijiet tal-kalkolu tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni.

40. Jekk effettivament jiġu pparagunati l-mekkanżmi tar-rinunzja għall-kwoti u talirtirar mis-suq, jidher ċar li dawn huma ferm differenti minn xulxin, kemm mil-lat talfunzjonament tagħhom kif ukoll mil-lat talgħan tagħhom. Filwaqt li l-ewwel mekkanizmu jikkonċerna r-rinunzja definittiva għall-kwota, inkluż iż-żarmar jew aħjar l-għeluq tal-impjanti tal-produzzjoni, it-tieni jimplika biss l-irtirar provviżorju mis-suq tal-ammont ta' zokkor ikkonċernat, il-ħażna jew il-bejgħ tal-ammont iktar mill-kwota. Din id-differenza fil-funzjonament tirriżulta millgħan differenti tad-dispożizzjonijiet applikabbli.

39. L-unika deroga prevista fit-tieni subparagrafu tal-istess dispożizzjoni, li jipprovdi għal eżenzjoni mill-ħlas ta' ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni, tikkonċerna espressament biss dawk il-kwoti "li l-impriża *tkun irrinunzjat* għalihom minn sena ta' kummerċjalizzazzjoni partikolari skont l-Artikolu 3(1)". Din l-espressjoni qed tirreferi għar-rinunzja definittiva għall-kwota jew għal partijiet minnha skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 320/2006, li madankollu, rigward it-test tiegħu, ma tikkontemplax l-irtirar mis-suq skont l-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006 u lanqas ma tista' tiġi pparagunata miegħu.

41. Ir-rinunzja għall-kwoti min-naħa tal-produtturi taz-zokkor l-iktar dgħajfa fuq livell kompetittiv, li tirrispondi għal ħtiġijiet soċjali u ambjentali, hija wieħed mill-mezzi tar-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor segwiti mir-Regolament Nru 320/2006. Mill-premessi (1) u (5) ta' dan ir-regolament jirriżulta li l-ħlas ta' għajnuna li huwa adegwat għar-ristrutturazzjoni lill-impriżi l-inqas produttivi għandu jkun ta' inċentiv ekonomiku sostanzjali sabiex tieqaf il-produzzjoni taz-zokkor taħt il-kwota u jiġu rrinunzjati l-kwoti korrispondenti. Din l-għajnuna, fl-intenzjonijiet tal-leġiżlatur Komunitarju, għandha tippermetti, min-naħa l-waħda, it-tnaqqis tal-produzzjoni sakemm ikun meħtieġ li jinstab bilanċ ġdid għas-suq Komunitarju, min-naħa l-oħra, it-tnaqqis drastiku tal-kapaċità ta' produzzjoni li ma ġġibx qligħ. Għal din ir-raġuni, kontribut bħal

10 — Jekk nippargaunaw verżjonijiet lingwistiċi differenti ma nistgħux niġbdu konklużjoni differenti. Fil-verżjoni bil-Ġermaniż ("Unternehmen, denen eine Quote *zugeteilt* worden ist"), bid-Daniż ("virksomheder, der har fået *tildelt* en kvote"), bl-Ingliż ("undertakings to which a quota has been *allocated*"), bil-Franċiż ("entreprises qui *détiennent* un quota"), bit-Taljan ("imprese a cui è stata *assegnata* una quota"), bil-Portugiż ("empresas às quais tiverem sido *atribuídas* quotas"), bl-Olandiż ("ondernemingen waaraan een quotum is *toegekend*"), bl-Iżvediż ("företag som har *tilldelats* en kvot") u bl-Ispanjol ("empresas a las que se haya *concedido* una cuota") isir riferiment għall-kwota allokata lill-impriża partikolari.

dan, fil-Premessa 4 ta' dan ir-regolament, jiġi deskritt bħala "dħul b'allokazzjoni speċifika", li huwa differenti mill-imposti l-oħra previsti fil-kuntest tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor.

42. Ir-ristrutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor għandha l-għan li tilħaq għanijiet politiċi għal perijodu twil ta' żmien tal-Komunità, li skont il-Premessa 1 tar-Regolament Nru 320/2006, jikkonsistu fl-adattament tas-sistema Komunitarja ta' produzzjoni u ta' kummerċ taz-zokkor għar-rekwiżiti internazzjonali [11] u li jiggarantixxu l-kompetittività futura tagħhom.

43. L-irtirar mis-suq, min-naħa l-oħra, huwa strument ta' sostenn għall-prezzijiet li, skont l-Artikolu 19(1) u l-Premessa 22 tar-Regolament Nru 318/2006, għandu l-għan li jżomm il-bilanċ strutturali fuq livell ta' prezzijiet qrib il-prezz ta' referenza. L-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006 jaħdem b'mod simili: ir-regolamentazzjoni tal-irtirar preventiv mis-suq tiegħu ġiet adottata, skont il-premessa 6 ta' dan ir-regolament, bħala miżura provviżorja bil-għan li jittejjeb il-bilanċ tas-suq fil-Komunità mingħajr ma jinħolqu ħażniet ġodda ta' zokkor matul is-sena 2006/07.

44. Għaldaqstant, l-ewwel domanda preliminari għandha tiġi risposta li l-Artikolu 11(1) tar-Regolament Nru 320/2006 għandu jiġi interpretat bħala li anki kwota taz-zokkor li ma tistax tintuża minħabba l-irtirar preventiv mis-suq, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006 tas-27 ta' Marzu 2006, tista' tiġi inkluża fil-kalkolu tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni.

C — *Fuq it-tieni domanda preliminari*

45. F'rinviju għal deċiżjoni preliminari ppreżentat skont l-Artikolu 234(1)(b) KE, li għandu l-għan li jivverifika l-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju sekondarju, il-qorti nazzjonali, permezz tad-domanda preliminari tagħha, fil-prinċipju,

11 — Ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor hija wkoll reazzjoni tal-Komunità għal deċiżjoni tal-Korp għall-Ftehim dwar it-Tilwim ("Dispute Settlement Body") tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) tat-28 ta' April 2005 (ara, Report of the Appellate Body, European Communities — Export on Sugar, Verfahren WT/DS265/AB/R, WT/DS266/AB/R, WT/DS283/AB/R), fejn ġie aċċertat ksur individwali min-naħa tal-Komunità tal-Ftehim dwar l-Agrikoltura li ġie konkluż fil-kuntest tan-negozjati kummerċjali multilaterali taċ-Ċiklu tal-Urugwaj ("Agreement on Agriculture").

qed tistabbilixxi l-portata tal-eżami tal-Qorti tal-Ġustizzja [12].

kollha involuti, għandu jitqies li l-qorti tar-rinviju fil-fatt għandha l-għan li teżamina l-kompatibbiltà tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 maż-żewġ prinċipji msemmija iktar 'il fuq. Għal din ir-raġuni nissuġġerixxi li t-tieni domanda preliminari tiġi fformulata mill-ġdid f'dan is-sens.

46. Kif ġie osservat fil-bidu ta' dawn il-konklużjonijiet, it-tieni domanda preliminari għandha litteralment l-għan li teżamina l-kompatibbiltà tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 ma' dispożizzjonijiet ta' livell superjuri, b'mod partikolari mal-prinċipju tad-dritt Komunitarju tal-ħarsien tal-aspettattivi leġittimi u tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni li jirriżultaw mit-tieni sub-paragrafu tal-Artikolu 34(2) KE. Madankollu, jeħtieġ li nikkonstataw jekk l-allegazzjonijiet inklużi fid-digriet tar-rinviju, inklużi l-ilmenti mressqa mir-rikorrenti fil-kuntest tal-proċedura *a quo* [13], jirreferux għalkollox għall-prinċipju ta' proporzjonalità u l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni.

1. L-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità

a) Il-marġni ta' diskrezzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju fil-kuntest tal-politika agrikola komuni

47. F'evalwazzjoni tat-talba għal deċiżjoni preliminari b'għarfien tal-kunsiderazzjonijiet

48. Il-prinċipju ta' proporzjonalità, li jagħmel parti mill-prinċipji ġenerali tad-dritt Komunitarju u li, *inter alia*, fis-settur tal-politika agrikola komuni ġie kkonfermat kemm-il darba mill-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, jeħtieġ li l-atti tal-istituzzjonijiet Komunitarji ma jmorrux lil hinn minn dak li huwa xieraq u neċessarju sabiex jintlaħqu l-għanijiet leġittimi tal-leġiżlazzjoni inkwistjoni. Madankollu, meta jkun hemm possibbiltà ta' għażla bejn diversi miżuri xierqa,

12 — F'dan is-sens, anki A. Middecke, f'*Handbuch des Rechtsschutzes der Europäischen Union*, it-tieni edizzjoni, Munich 2003, § 10, punt 40, p. 227. B'hekk, il-qorti nazzjonali tista', pereżempju, tillimita rinviju għal motivi partikolari ta' validità, li fuqhom għalhekk il-Qorti tal-Ġustizzja tibbaża l-eżami tagħha (ara s-sentenzi tad-29 ta' Mejju 1997, Rotexchemie [C-26/96, Ġabra p. I-2817]; u tal-11 ta' Novembre 1997, Eurotunnel [C-408/95, Ġabra p. I-6315]). Evidentement anki K. Lenaerts/D. Arts/I. Maselis, *Procedural Law of the European Union*, it-tieni edizzjoni, Londra 2006, punt 10-012, p. 361, jitilqu mill-premessa li l-punt tat-tluq biex tiġi stabbilita l-portata tal-istħarriġ fil-kuntest ta' rinviju għal deċiżjoni preliminari li għandu l-għan li jivverifika l-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju hija d-domanda preliminari mressqa.

13 — Element fundamentali għall-interpretazzjoni ta' domanda preliminari li għandha l-għan li tivverifika l-validità ta' dispożizzjoni tad-dritt Komunitarju u li hija miktuba b'mod ġeneriku jew impreċiż, huwa magħmul mill-mezzi invokati mir-rikorrenti fil-kawża prinċipali [ara s-sentenza tal-25 ta' Ottubru 1978, Royal Scholten Honig (103/77 u 145/77, Ġabra p. 2037, punti 16 u 17)].

għandha tintgħażel dik li hija l-inqas restrittiva. Minbarra dan, l-iżvantaġġi li tista' ġġib magħha għandhom ikun proporzjonati għall-għanijiet li jkunu jridu jintlaħqu [14].

49. Il-Qorti tal-Ġustizzja madankollu kkonstatat ukoll li l-leġiżlatur Komunitarju, fil-qasam tal-politika agrikola komuni, għandu setgħa diskrezzjonali li tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi li jagħtuh l-Artikoli 34 KE sa 37 KE. Fil-fatt, għall-implementazzjoni tal-politika agrikola komuni, *inter alia*, fis-settur taz-zokkor, il-leġiżlatur Komunitarju jintalab jevalwa sitwazzjonijiet ekonomiċi kumplessi kif ukoll li jieħu deċiżjonijiet ta' natura ekonomika, politika u soċjali [15]. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja ddikjarat li l-istħarriġ tal-qorti għandu jkun limitat sabiex tivverifika jekk il-miżura inkwistjoni ma hijiex ivvizzjata bi żball manifest jew b'abbuż ta' poter jew jekk l-awtorità inkwistjoni ma qabżitx b'mod manifest il-limiti tas-setgħa diskrezzjonali tagħha [16].

50. Skont il-Qorti tal-Ġustizzja, fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju dwar l-osservanza tal-prinċipju ta' proporzjonalità, minn din is-setgħa diskrezzjonali wiesgħa jirriżulta li l-legalità ta' dispożizzjoni adottata fil-qasam tal-politika agrikola komuni tista' tiġi invaliditata biss bin-natura manifestament inadegwata ta' din id-dispożizzjoni fir-rigward tal-għan li l-istituzzjoni kompetenti għandha l-għan li ssegwi [17]. B'hekk, din ma hijiex kwistjoni dwar jekk il-miżura adottata mil-leġiżlatur kinitx l-unika jew l-aħjar possibbli, iżda jekk din kinitx manifestament inadegwata [18].

51. Madankollu, kif spjega ġustament l-Avukat Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tiegħu tal-14 ta' Ġunju 2007 fil-Kawża Zuckerfabrik Jülich [19], din il-ġurisprudenza ma tistax tinftiehem fis-sens li l-Qorti tal-Ġustizzja xtaqet tagħti diskrezzjoni sħiħa lil-leġiżlatur Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja, bl-ebda mod ma eskludiet l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha rigward l-eżerċizzju mill-istituzzjonijiet Komunitarji tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħhom. Jekk dan l-istħarriġ se

14 — Sentenzi tat-13 ta' Novembru 1990, Fedesa *et* (C-331/88, Ġabra p. I-4023, punt 13); tal-5 ta' Ottubru 1994, Crispoltoni *et* (C-133/93, C-300/93, C-362/93, Ġabra p. I-4863, punt 41); tat-12 ta' Lulju 2001, Jippes *et* (C-189/01, Ġabra p. I-5689, punt 81); u tas-7 ta' Settembru 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-310/04, Ġabra p. I-7285, punt 97).

15 — F'dan is-sens, ara s-sentenzi tad-29 ta' Ottubru 1980, Roquette Frères vs Il-Kunsill (138/79, Ġabra p. 3333, punt 25); u tas-6 ta' Lulju 2000, Eridania (C-289/97, Ġabra p. I-5409, punt 48); kif ukoll is-sentenzi tas-6 ta' Diċembru 2005, ABNA *et* (C-453/03, C-11/04, C-12/04 u C-194/04, Ġabra p. I-10423, punt 69); u Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, fil-punt 96) kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott ippreżentati fis-26 ta' Ottubru 2006 fil-Kawża Roquette Frères (sentenza ċċitata iktar 'il fuq; punt 72 tal-Konklużjonijiet).

16 — Sentenzi tal-11 ta' Lulju 1989, Schräder (265/87, Ġabra p. 2237, punt 22); Fedesa *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punti 8 u 14); Eridania (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 49); Jippes *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 80); tad-9 ta' Settembru 2004, Spanja vs Il-Kummissjoni (C-304/01, Ġabra p. I-7655, punt 23); Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 96); tal-4 ta' Ottubru 2007, Geuting (C-375/05, Ġabra p. I-7983, punt 44); u tas-17 ta' Jannar 2008, Viamex *et* (C-37/06 u C-58/06, Ġabra p. I-69, punt 34); kif ukoll il-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Kokott fil-Kawża Roquette Frères (Konklużjonijiet iċċitati fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, paragrafu 72).

17 — Sentenzi Fedesa *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 14); Crispoltoni *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 42); Jippes *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 83); tal-10 ta' Jannar 2006, IATA u ELFAA (C-344/04, Ġabra p. I-403, punt 80); Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 98); u Geuting (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 46).

18 — Sentenzi Jippes *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 83); Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 14, punt 99); Geuting (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 16, punt 47). Madankollu, kif ġustament sostniet l-Avukat Ġenerali Sharpston fil-konklużjonijiet tagħha ppreżentati fl-14 ta' Ġunju 2007 fil-Kawża Zuckerfabrik Jülich (sentenza tat-8 ta' Mejju 2008, C-5/06, Ġabra p. I-3231, punt 65 tal-konklużjonijiet), min-naħa l-oħra, din il-ġurisprudenza ma tistax tinftiehem bħala li l-Qorti tal-Ġustizzja tat diskrezzjoni sħiħa lil-leġiżlatur Komunitarju. Il-Qorti tal-Ġustizzja ma eskludietx l-istħarriġ ġudizzjarju tagħha fejn għandu x'jaqsam l-eżerċizzju min-naħa tal-istituzzjonijiet Komunitarji tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tagħhom. Skont l-Avukat Ġenerali, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun tista' tintervjeni fejn, pereżempju, il-prodotturi jiġu ntaxxati b'mod manifestament sproporzjonat.

19 — Ara l-konklużjonijiet tal-Avukat Ġenerali Sharpston fil-Kawża Zuckerfabrik Jülich (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 18, fil-punt 65).

jkollu xi valur, il-Qorti tal-Ġustizzja għandha tkun tista' tintervjeni f'każijiet partikolari, bħal pereżempju fejn il-produtturi jiġu ntaxxati b'mod sproporzjonat permezz ta' impożizzjonijiet eċċessivi.

52. Iktar 'il quddiem, jeħtieġ li naċċertaw jekk, filwaqt li jitqiesu l-elementi kollha ppreżentati quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, l-obbligu tal-produtturi li jħallsu l-kontribut għar-ristrutturazzjoni skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 huwiex adattat biex jintlaħaq l-għan segwit u jekk hux piż sproporzjonat fuq il-produtturi.

b) L-eżami tal-portata tal-eżami

53. Mingħajr ma daħlet fid-dettall tad-dubji rigward il-validità tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, il-qorti tar-rinviju, fid-digriet tar-rinviju tagħha, irreferiet għall-argument tar-rikorrenti dwar l-allegat ksur tal-prinċipju ta' proporzjonalità. Essenzjalment, hija qed tgħid li z-zokkor prodott lil hinn mil-limitu tal-produzzjoni, ikun xi jkun il-każ, ma jistax jinbiegħ bħala zokkor taħt il-kwota. Peress li l-kontribut għar-ristrutturazzjoni jiġi kkalkolat għall-kwota sħiħa, jiġifieri mingħajr ma titqies il-kwota rtirata mis-suq minħabba l-irtirar preventiv mis-suq, il-prezz ta' referenza nett effettiv jonqos taħt EUR 505.50 fuq il-livell tal-produtturi u għandu jintlaħaq permezz tal-bejgħ ta' kwantità iżgħar taħt il-kwota. Barra minn hekk, il-kwota mnaqqsa tgħodd bħala l-ewwel kwota tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2007/2008 sussegwenti u b'hekk hija wkoll titqies għall-kalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni. Bħala l-aħħar argument, ir-rikorrenti qed issostni li, bil-kontra tal-għan stabbilit fil-Premessa 4 tar-regolament, jiġifieri li jiġu pprovduti benefiċċji għall-impriżi li jkollhom l-obbligu li jħallsu l-kontributi għar-ristrutturazzjoni, hija qed timplika bil-kontra li l-impriżi bi kwoti mnaqqsa ma jibbenefikaw qatt mill-ħlas tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni.

54. L-ewwel nett, għandna nikkonstataw li r-rikorrenti u l-qorti tar-rinviju ma jqajmux dubji rigward il-legalità tal-għanijiet segwiti permezz tar-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor tal-2006. Lanqas ma huma qed jitqajmu dubji rigward kemm l-adegwatezza tal-mekkaniżmu finanzjarju ta' inċentiv tal-leġiżlatur Komunitarju, li bl-għajnuna tiegħu l-produtturi taz-zokkor li ma tantx ikollhom qligħ għandhom jiġu persważi jirrinunzjaw definittivament għall-kwoti. Inqas u inqas ma huma qed jitqajmu dubji dwar li l-iskema għar-ristrutturazzjoni għandha tiġi ffinanzjata mill-impriżi li jibqgħu fis-suq, u għalhekk, fl-aħħar mill-aħħar, dawk li jibbenefikaw mir-ristrutturazzjoni.

55. Madankollu, naħseb li huwa rilevanti u xieraq, minn dan il-lat, li l-kontribut għar-ristrutturazzjoni jitħallas biss minn dawk l-impriżi li huma lesti li, u li kapaċi jkomplu jipparteċipaw fil-produzzjoni taz-zokkor fi skema kompetittiva, iktar u iktar għaliex huma jibbenefikaw mill-irtirar tal-kompetituri inqas produttivi u mill-aġġustament konsegwenti tas-suq. Bl-istess mod huwa wkoll relevanti u xieraq li l-impriżi inqas effiċjenti li jkunu lesti li jirtiraw definittivament mill-produzzjoni taz-zokkor, u li jabbandunaw il-kwota tagħhom, jiġifieri jirrinunzjaw għaliha, għandhom jiġu eżentati mill-obbligu li jħallsu l-kontribut, u għandhom jingħataw għajnuna kunsiderevoli għar-ristrutturazzjoni. F'dan is-sens, l-allokazzjoni ta' kwota skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 tista' tkun punt ta' referenza biex jiġi stabbilit l-obbligu li jitħallas il-kontribut.

56. Il-kwistjoni prinċipali li però qed titqajjem f'din il-kawża hija jekk, b'relazzjoni għall-għan tar-ristrutturazzjoni, in-nuqqas ta' esklużjoni mill-kontribut għar-ristruzzazzjoni ta' dawk l-ammonti ta' zokkor li, minħabba mekkaniżmi oħrajn, u b'mod speċjali dak tal-irtirar mis-suq, ma jistgħux jinbiegħu fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni fil-kuntest tal-iskema tal-kwoti, jistax jitqies bħala sproporzjonat.

c) Evalwazzjoni tal-argumenti mressqa

i) Il-ħtieġa għal bażi ta' kalkolu li tista' tiġi ppjanata bil-quddiem

57. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw prinċipalment il-ħtieġa għal bażi ta' kalkolu li tista' tiġi ppjanata bil-quddiem, sabiex jiġi ggarantit l-awtofinanzjament tal-iskema għar-ristrutturazzjoni. L-għan tal-iskema temporanja għar-ristrutturazzjoni, jiġifieri li jintlaqgħu l-applikazzjonijiet kollha għal għajnuna, m'għandux jiddgħajjef minn element ta' inċertezza, bħal pereżempju n-nuqqas ta' mezzi finanzjarji suffiċjenti mill-fond għar-ristrutturazzjoni. Jekk f'din il-bażi tal-kalkolu ma jiġux inklużi l-kwoti allokati kollha, iżda biss dawk l-ammonti ta' zokkor effettivament prodotti fil-kuntest tal-kwota jew appuntu anki l-ammonti ta' zokkor li jiġu rtirati mis-suq, dan l-għan ma jkunx jista' jintlaħaq u l-applikazzjonijiet individwali eventwalment ikollhom jiġu miċħuda.

58. Barra minn hekk, il-Kummissjoni tenfasizza li ċ-ċirkustanza li l-kontribut għar-ristrutturazzjoni jirreferi għall-kwota allokata fit-teorija u mhux għall-kwota prodotta tabilħaqq, tirriżulta mill-kunsiderazzjoni li anki l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni li tingħata lill-impriżi għar-rinunzja definittiva tal-kwoti

tagħhom tħallset indipendentement miċ-ċirkustanza li dawn l-impriżi ma setgħux jużaw partijiet minn dawn il-kwoti f'sena ta' kummerċjalizzazzjoni, minħabba rtirar mis-suq.

59. Fil-fehma tiegħi, il-kunsiderazzjonijiet tal-baġit imsemmija kif ukoll ir-referenza għall-ħtieġa ta' awtofinanzjament tal-iskema għar-ristrutturazzjoni huma argumenti suffiċjentement deċiżivi favur kalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni fuq il-bażi tal-kwota allokata fit-teorija. Dan il-metodu jiggarantixxi, minn naħa waħda, l-istabbiltà tad-dħul mill-fond għar-ristrutturazzjoni, u mill-oħra, però, anki l-bilanċ finanzjarju bejn id-dħul u l-ħruġ, li mhux biss huwa prinċipju ewlieni tad-dritt Komunitarju fejn għandu x'jaqsam il-baġit, iżda huwa anki indispensabbli [20], jekk naħsbu li l-għajnuna għar-ristrutturazzjoni li, fil-prinċipju, għandu dritt għaliha kull produttur, tiġi kkalkolata anki fuq il-bażi tal-kwota allokata fit-teorija. Jekk trid tiġi evitata żieda unilaterali fl-ispejjeż f'każ li fl-istess ħin ma jkunx hemm finanzjament suffiċjenti tal-fond għar-ristrutturazzjoni, huwa loġiku li jiġu stabbiliti kriterji ta' kalkolu li jkunu uniformi għall-kontribut għar-ristrutturazzjoni u għall-għajnuna għar-ristrutturazzjoni.

60. Barra minn hekk, bi tweġiba għal mistoqsija bil-miktub li għamlitilha l-Qorti tal-Ġustizzja, il-Kummissjoni, bl-ittra tal-11 ta' Diċembru 2008, li magħha kienet mehmuża lista tad-dħul u tal-infiq ikkalkolati u effettivi tal-fond għar-ristrutturazzjoni, uriet li l-awtofinanzjament tal-iskema għar-ristrutturazzjoni huwa żgurat, u li d-dħul previst jew effettiv ma jaqbiżx wisq l-infiq [21].

ii) In-natura provviżorja tal-irtirar mis-suq

61. Il-Kunsill u l-Kummissjoni jirreferu wkoll għad-differenzi bejn l-irtirar mis-suq, bħala skema għal perijodu qasir ta' żmien ta' sostenn tal-prezzijiet, u r-rinunzja għall-kwota, bħala miżura għal perijodu twil ta' żmien għall-

20 — F'dan il-kuntest għandna nirreferu, l-ewwel nett, għall-Artikolu 268(3) KE, li jistabbilixxi l-prinċipju tal-bilanċ tal-baġit Komunitarju. Skont din id-dispożizzjoni, mil-lat ta' kontabbiltà, id-dħul u l-ħruġ fl-estimi finanzjarji għandhom ikunu jaqblu. Għaldaqstant għandu jiġi żgurat li l-infiq previst jista' jsir permezz tad-dħul disponibbli [f'dan is-sens ara wkoll J. Schoo, *EU-Kommentar* (ed. J. Schwarze), Baden-Baden 2000, Artikolu 268, punt 19, p. 2198].
Ara wkoll R. Ackrill, *The Common Agricultural Policy*, Sheffield 2000, p. 78, fejn il-prinċipju tal-bilanċ tal-baġit Komunitarju jarah pjuttost bħala regola. Għaldaqstant, bilanċ b'defiċit ma jkunx ammissibbli. Din ir-regola għandha tiġi osservata anki fil-kuntest tal-politika agrikola komuni. Il-Bank Ewropew għall-Investiment, minkejja li jista' jsellef il-flus għal proġetti ta' investiment, ma jistax jagħti flus biex jiffinanzja l-infiq Komunitarju. Skont l-awtur, l-għan tal-awturi tat-Trattati li jistabbilixxu l-Komunitajiet Ewropej kien li ma jipprovdux lill-Komunità, u b'mod partikolari lill-Kummissjoni, soluzzjonijiet sempliċi biex jiġi stabbiliti l-infiq u d-dħul.
Huwa minnu li l-kontribut għar-ristrutturazzjoni, skont ir-raba' premessa jikkonsisti fi spiża b'għan speċifiku. Però din iċ-ċirkostanza ma teżentax lill-istituzzjonijiet Komunitarji milli josservaw dan il-prinċipju. Fil-proposta tal-Kummissjoni għal regolament tal-Kunsill dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor tat-22 ta' Ġunju 2005, COM(2005) 263 finali, p. 9 issir referenza espliċita għall-għan li l-iskema għar-ristrutturazzjoni tkun tista' tiffinanzja lilha nfisha.

21 — Minn din il-lista jirriżulta li, fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, id-dħul kien ilaħħaq EUR 2 145 miljun. Rigward l-infiq, dan kien ta' EUR 1 358 miljun. Konsegwentement, il-baġit tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07 kien jilħaq EUR 787 miljun, li intużaw biex tiġi ffinanzjata r-ristrutturazzjoni tas-sena sussegwenti.

aġġustament tal-istruttura tas-suq. Kif spjegaw korrettament, irtirar mis-suq bl-ebda mod ma jimplika t-telf definittiv tal-kwota [22]. Huwa minnu li impriża ma tistax tbigħ fil-kuntest tal-iskema tal-kwoti l-ammonti ta' zokkor li ġew irtirati mis-suq fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni. Madankollu, hija żżomm din il-parti mill-kwota u għaldaqstant tista' tbigħha fuq is-suq dinji [23] jew inkella tħalliha għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni sussegwenti. F'dan l-aħħar każ, il-kwota tista' terġa' tiġi inkluża fil-kuntest tal-iskema tal-kwoti, peress li l-ammont konkret taz-zokkor irtirat mis-suq matul l-ewwel sena ta' kummerċjalizzazzjoni jitqies bħala l-ewwel ammont prodott taħt il-kwota tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni sussegwenti. Dan jirriżulta espressament mill-Artikolu 19(3) tar-Regolament Nru 318/2006.

62. Kuntrarjament għall-opinjoni tar-rikorrenti, kif issemma fid-digriet tar-rinviju [24], mill-obbligu li jitħallas il-kontribut previst fl-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, ma jirriżulta l-ebda piż ulterjuri għall-produtturi taz-zokkor, peress li l-mekkaniżmu tal-irtirar mis-suq skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006, skont in-noti ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni, ma jimplikax, pereżempju, li l-istess kwota tiġi ntaxxata matul sentejn tas-suq sussegwenti. Bil-kontra, kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni tiġi kkunsidrata separatament, u f'kull sena ta' kummerċjalizzazzjoni il-kwota kollha allokata tiġi suġġetta għall-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni. F'dan ir-rigward, mhux rilevanti jekk l-ammont ta' zokkor effettiv ikun magħmul minn zokkor li ġie prodott matul l-ewwel sena ta' kummerċjalizzazzjoni jew matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni sussegwenti.

iii) Il-konsegwenzi finanzjarji prevedibbli għall-produtturi kkonċernati

63. Il-Kunsill u l-Kummissjoni qed isostnu wkoll li l-konsegwenzi finanzjarji ekonomici negattivi eventwali tal-ammonti ta' zokkor involuti fl-irtirar mis-suq jiġu inklużi fil-bażi tal-kalkolu għall-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni huma limitati, u fi kwalunkwe każ jiġu kkumpensati bil-vantaġġi ta' rtirar mis-suq.

22 — F'dan ir-rigward, ara l-allegazzjonijiet inklużi fil-punti 39 sa 42 ta' dawn il-konklużjonijiet.

23 — L-iskemi tal-kwoti jillimitaw il-produzzjoni taħt il-kwota għal ammonti partikolari mhux billi jipprojbixxu produzzjoni ulterjuri, iżda peress li l-produzzjoni eċċessiva twassal għal "sanzjonijiet" fil-konfront tal-produttur individwali (pereżempju, il-projbizzjoni tal-kummerċjalizzazzjoni fil-Komunità, il-ħlas ta' taxxi) u, għalhekk, kwalunkwe żieda fil-produzzjoni tkun mingħajr sens mil-lat finanzjarju. Madankollu, għandu jiġi mfakkar li l-iskemi kollha tal-kwoti li jeżistu sa issa (jiġifieri, taz-zokkor, tas-sajd, tal-ħalib, tat-tadam ipproċessat) isegwu ċerti parametri ta' legalità f'konformità mar-rekwiżiti tal-prodotti kkonċernati. Huwa minnu li anki fl-organizzazzjoni tas-suq taz-zokkor hemm kwoti taz-zokkor. Fil-każ li tinqabeż il-kwota però ma tkun dovuta l-ebda imposta. Pjuttost, il-produttur ma jkollu l-ebda dritt għar-rifużjonijiet fuq l-esportazzjonijiet għall-ammonti eċċessivi [ara T. Van Rijn, *Vertrag über die Europäische Union und Vertrag zur Gründung der Europäischen Gemeinschaft — Kommentar* (ed. H. von der Groeben/ J. Schwarze), Volum 1, is-sitt edizzjoni, Artikolu 34, punt 35, p. 1207].

24 — Ara p. 9 tad-digriet tar-rinviju.

64. Huwa minnu dak li ssostni r-rikorrenti li ma jistax jiġi eskluż li z-zokkor li l-produzzjoni tiegħu taqbeż il-limitu tal-produzzjoni wara l-irtirar mis-suq, zokkor li jista' jinbiegħ taħt il-kwota biss matul is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni sussegwenti, mhux dejjem ikun jista' jġib il-prezz ta' referenza. Madankollu, f'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza li wara l-eliminazzjoni tal-prezz ta' intervent minħabba r-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor tal-2006, ir-Regolament Nru 318/2006 ma jiggarantix aktar il-bejgħ bi prezz ta' referenza. Barra minn hekk, skont l-Artikolu 18(2) ta' dan ir-regolament, il-prezz ta' intervent għaz-zokkor taħt il-kwota huwa ta' 80 % tal-prezz ta' referenza u mhux, pereżempju, 100 %.

65. Għaldaqstant, produttur mhux dejjem jista' jibbaża fuq il-possibbiltà li jġib dejjem il-prezz ta' referenza. Fl-aħħar mill-aħħar, però, il-bejgħ taz-zokkor jiddependi minn għadd ta' fatturi ekonomiċi. Il-prezz effettiv tas-suq huwa prinċipalment ibbażat fuq l-offerta u t-talba, biex b'hekk prodottur eventwalment ikun jista' jġib anki prezz ogħla mill-prezz ta' referenza għall-ammonti ta' zokkor irtirati mis-suq.

66. Barra minn hekk, naqbel mal-argument tal-Kunsill u tal-Kummissjoni, jiġifieri li l-irtirar mis-suq, fl-aħħar mill-aħħar, huwa vantaġġ għall-produtturi. Il-mekkaniżmu tal-irtirar mis-suq huwa maħsub, kif diġà għidna [25], biex iżomm il-prezz taz-zokkor fuq livell ta' prezzijiet qrib il-prezz ta' referenza, jiġifieri fuq livell ogħla minn dak tal-prezz ta' intervent. B'dan il-mod, it-telf eventwali li jirriżulta direttament mill-irtirar mis-suq, xi jkun il-każ, jiġi kkumpensat indirettament b'żieda ġenerali fil-prezz taz-zokkor taħt il-kwota, li jista' jiġi introdott proprju permezz ta' din il-miżura.

67. L-affermazzjoni tar-rikorrenti, li l-irtirar mis-suq jikkonċerna prinċipalment lill-produtturi ferm kompetittivi, għandha tiġi miċħuda bħala insostenibbli. Bil-kontra, huwa minnu li l-irtirar mis-suq jikkonċerna lill-impriżi kollha li jiġu allokati l-kwoti. Dan il-punt ta' referenza, madankollu, *per se*, huwa newtrali peress li ma jagħmilx distinzjoni skont l-effiċjenza u l-kompetittività tal-impriżi kkonċernati. L-impriżi għaldaqstant huma suġġetti għall-istess kundizzjonijiet kompetittivi, indipendentement mill-effiċjenza rispettiva tagħhom. Konsegwentement, l-ilment ibbażat fuq diskriminazzjoni u fuq distorsjoni tal-kompetizzjoni huwa infondat.

68. Ikun xi jkun il-każ, l-impriżi bħar-rikorrenti ma humiex eżentati, fl-istess interess

25 — Ara l-punt 40 ta' dawn il-konklużjonijiet.

tagħhom, milli josservaw obbligu ġenerali ta' diliġenza [26], li jimponilhom, b'mod partikolari, l-obbligu li jevitaw, sa fejn ikun possibbli, konsegwenzi ekonomiċi dannużi eventwalment ikkawżati minn irtirar mis-suq. Dan jinkludi l-adozzjoni ta' kwalunkwe miżura meħtieġa, inkluż adattament korrispondenti tal-produzzjoni, malli, skont il-komunikazzjonijiet tal-Kummissjoni, jkun hemm irtirar mis-suq. B'hekk, il-Kummissjoni, fit-3 ta' Frar 2006 fakkret permezz ta' komunikazzjoni fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej* [27], li minħabba s-sitwazzjoni prevedibbli fis-suq Komunitarju taz-zokkor fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, ir-rikorrenti setgħet tagħmel użu mill-possibbiltà ta' rtirar mis-suq li ngħatatilha mill-Kunsill bħala dispożizzjoni tranżitorja. Ir-Regolament Nru 493/2006, li permezz tiegħu l-Kummissjoni stabbilixxiet l-irtirar mis-suq għal din is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni, ġie ppubblikat f'Marzu 2006. Għaldaqstant, ir-rikorrenti kellha l-possibbiltà li tnaqqas mill-ammont korrispondenti l-produzzjoni tagħha għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni inkwistjoni [28], sabiex ma jkunux jistgħu jiġu ttrasferiti ammonti ta' zokkor irtirati jew jinbiegħu meta jkunu barra mill-kwota.

d) Konklużjoni

69. Minn dak li għidt iktar 'il fuq, jirriżulta li l-leġiżlatur Komunitarju, meta stabbilixxa l-metodi ta' kalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni, qies l-aspetti essenzjali kollha, inklużi l-vantaġġi u l-iżvantaġġi għall-impriżi.

70. L-użu tal-kwota allokata fit-teorija, skont l-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006, bħala bażi għall-kalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni, fir-rigward tal-għan tar-ris-

26 — Il-Qorti tal-Ġustizzja diġà rreferiet, meta eżaminat il-validità ta' regolament, għal obbligi ta' diliġenza partikolari tal-persuni kkonċernati f'forma ta' obbligi biex jiġi evitat id-dannu (sentenza tal-14 ta' Marzu 1973, Westzucker, 57/72, Ġabra p. 321, punt 20).

27 — Fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-produtturi tal-pitravi u taz-zokkor tat-3 ta' Frar 2006 (GU C 27, p. 8) insibu dan li ġej: "Il-Kummissjoni tiġbed l-attenzjoni lill-produtturi tal-pitravi u taz-zokkor dwar is-sitwazzjoni tas-suq Komunitarju taz-zokkor prevista għas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07. B'mod partikolari, minħabba l-provvisti akkumulati matul is-sena 2004/2005 u meta jitqiesu r-regoli u r-restrizzjonijiet tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Kummerċ (WTO) rigward l-esportazzjonijiet, huwa prevedibbli li fil-bidu tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07 l-ħażniet ta' zokkor se jkunu pjuttost sostanzjali, minħabba inqas possibbiltajiet ta' bejgħ meta pparagunat mal-perijodu preċedenti. Minħabba f'hekk, ir-riforma tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor u r-ristrutturazzjoni relatata tal-produzzjoni taz-zokkor ma jkunux għadhom laħqu fażi suffiċjentement avvanzata biex jiġi ggarantit il-bilanċ tas-suq diġà mis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07. *Għaldaqstant mhux eskluż li l-Kummissjoni tiġi mġiegħla tadotta miżuri partikolari ta' ġestjoni fil-konfront tal-pitravi miżrugħa għall-ħsad tas-sena 2006/07.* Dawn il-miżuri, li l-Kummissjoni għandha tadotta bħala miżuri tranżitorji minħabba l-kompetenzi li jistgħu jingħatawlha mill-Kunsill, jistgħu jikkonċernaw, b'mod partikolari, l-ammont ta' produzzjoni permess taħt il-kwota tas-sena 2006/07 u d-dispożizzjonijiet marbuta mal-bejgħ taz-zokkor C prodott matul is-sena 2005/2006".

28 — Skont l-Artikolu 1(2) tar-Regolament Nru 318/2006, is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni tal-prodotti msemmija fl-Artikolu 1 (1) tibda fl-1 ta' Ottubru u tintemm fit-30 ta' Settembru tas-sena ta' wara. Madankollu, is-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07 tibda fl-1 ta' Lulju 2006 u tintemm fit-30 ta' Settembru 2007.

trutturazzjoni tal-industrija taz-zokkor u b'kunsiderazzjoni tas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa mogħtija lil-leġiżlatur Komunitarju fil-kuntest tal-politika agrikola komuni, la huwa manifestament mhux xieraq, u lanqas ma huwa piż sproporzjonat għall-produtturi.

2. L-allegat ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni

a) Eżami tal-portata tal-eżami

71. Skont ġurisprudenza stabbilita, il-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni bejn il-produtturi jew il-konsumaturi tal-Komunità, stabbilita fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE tirrikjedi li sitwazzjonijiet paragunabbli ma jiġux ittrattati b'mod differenti u li sitwazzjonijiet differenti ma jiġux ittrattati b'mod ugwali sakemm tali trattament ma jkunx oġġettivament iġġustifikat [29]. Il-miżuri tal-organizzazzjoni komuni tas-swieq u b'mod partikolari l-mekkaniżmi ta' intervent tagħha għalhekk ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti, skont ir-reġjuni jew il-kundizzjonijiet ta' produzzjoni jew ta' konsum, jekk mhux fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi li jiggarantixxu t-tqassim proporzjonat tal-vantaġġi u tal-iżvantaġġi bejn il-partijiet interessati, mingħajr ma ssir distinzjoni bejn it-territorji tal-Istati Membri [30].

72. Peress li jiġi kkunsidrat l-istħarriġ ġudizzjarju tal-metodi ta' implementazzjoni tal-

29 — Il-Qorti tal-Ġustizzja, f'ġurisprudenza stabbilita, iddikjarat li l-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni prevista mid-dritt Komunitarju, li jinsab fl-Artikolu 34(2) KE, hija espressjoni speċifika tal-prinċipju ġenerali ta' ugwaljanza, li huwa wieħed mill-prinċipji fundamentali tad-dritt Komunitarju, u li jistabbilixxi li sitwazzjonijiet simili ma jistgħux jiġu ttrattati b'mod differenti filwaqt li sitwazzjonijiet differenti ma jistgħux jiġu ttrattati bl-istess mod, sakemm dan it-trattament ma jkunx iġġustifikat oġġettivament. Dwar il-prinċipju ġenerali imma anki dwar il-prinċipju speċifiku ta' non-diskriminazzjoni, skont l-Artikolu 34(2) KE, ara s-sentenzi tat-23 ta' Ottubru 2007, Il-Polonja vs Il-Kunsill (C-273/04, Ġabra p. I-8925, punt 86); tat 22 ta' Ġunju 2006, Il-Belġju vs Il-Kummissjoni (C-182/03, Ġabra p. I-5479, punt 170); tat-3 ta' Marzu 2006, Spanja vs Il-Kunsill (C-87/03 u C-100/03, Ġabra p. I-2915, punt 48); tas-6 ta' Marzu 2003, Niemann (C-14/01, Ġabra p. I-2279, punt 49); tat-13 ta' April 2000, Karlsson *et* (C-292/97, Ġabra p. I-2737, punt 39); tal-10 ta' Marzu 1998, Il-Kummissjoni vs Il-Ġermanja (C-122/95, Ġabra p. I-973, punt 62); tas-17 ta' April 1997, EARL de Kerlast (C-15/95, Ġabra p. I-1961, punt 35); tas-17 ta' Ottubru 1995, Fishermen's Organisations *et* (C-44/94, Ġabra p. I-3115, punt 46); tas-27 ta' Jannar 1994, Herbrink (C-98/91, Ġabra p. I-223, punt 27); tal-10 ta' Jannar 1992, Kühn (C-177/90, Ġabra p. I-35, punt 18); tal-21 ta' Frar 1990, Wuidart *et* (C-267/88 sa C-285/88, Ġabra p. I-435, punt 13); tal-20 ta' Settembru 1988, Spanja vs Il-Kunsill (203/86, Ġabra p. 4563, punt 25); tal-25 ta' Novembru 1986, Klensch (201/85 u 202/85, Ġabra p. 3477, punt 9); tas-27 ta' Marzu 1980, Salumi *et* (66/79, 127/79 u 128/79, Ġabra p. 1237, punt 14); tad-19 ta' Ottubru 1977, Ruckdeschel u Ströh (117/76 u 16/77, Ġabra p. 1753, punt 7) u Moulins et Huileries de Pont-à-Mousson u Providence agricole de la Champagne (124/76 u 20/77, Ġabra p. 1795, punt 16); tal-25 ta' Ottubru 1978, Koninklijke Scholten-Honig u De Bijenkorf (125/77, Ġabra p. 1991, punt 26); u Royal Scholten-Honig u Tunnel Refineries (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 13, punt 26) kif ukoll il-konklużjonijiet tiegħi ppreżentati fit-3 ta' Frar 2009 fil-Kawża Horvath (C-428/07, iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 8, punti 99 *et seq*).

30 — Sentenzi Spanja vs Il-Kunsill (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 25); tad-19 ta' Marzu 1992, Hierl (C-311/90, Ġabra p. I-2061, punt 18); u tal-5 ta' Ottubru 1994, Il-Ġermanja vs Il-Kunsill (C-280/93, Ġabra p. I-4973, punt 67).

projbizzjoni ta' nondiskriminazzjoni inkluż fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2), il-leġiżlatur Komunitarju — kif diġà għidna iktar 'il fuq — għandu, fir-rigward tal-politika agrikola komuni, setgħa diskrezzjonali wiesgħa li tikkorrispondi għar-responsabbiltajiet politiċi li jagħtuh l-Artikoli 34 sa 37 KE [31].

73. Id-dubji tal-qorti tar-rinviju rigward il-validità tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006 huma bbażati fuq l-argumenti sostnuti mir-rikorrenti fil-kuntest tal-kawża prinċipali u li jissemmew fid-digriet tar-rinviju. Skont dawn l-argumenti, ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali tqis lilha nnifisha bħala żvantaġġata wara l-irtirar preventiv mis-suq, peress li dan l-irtirar ma sarx b'mod uniformi għall-impriżi kollha, iżda jmissu sar billi ġew applikati koeffiċjenti differenti għall-Istati Membri. Skont ir-rikorrenti fil-kawża prinċipali, hemm differenza fit-trattament peress li l-impriżi stabbiliti fl-Istati Membri li l-iktar li ntlaqtu l-aktar mill-irtirar jistgħu jbigħu proporzjonalment inqas zokkor bil-prezz ta' referenza. Differenza fit-trattament bħal din tissaħħaħ biss mill-kalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni fuq il-kwota allokata fit-teorija, peress li l-impriżi milquta jkollhom ibigħu l-produzzjoni taz-zokkor li jifdlilhom bi prezz ta' referenza nett saħansitra iktar baxx.

31 — Sentenza Wuidart *et* (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 14).

74. Huwa minnu li l-Kunsill u l-Kummissjoni jenfasizzaw, ġustament, li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali jirreferu essenzjalment għall-istrument tal-irtirar preventiv mis-suq skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006, filwaqt li t-tieni domanda preliminari tabilħaqq tikkonċerna l-validità tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006. Mill-perspettiva tal-Kummissjoni, il-kwistjoni tal-validità mqajma mill-qorti tar-rinviju għaldaqstant għandha titqies bħala mingħajr suġġett, iktar u iktar għaliex minn din id-dispożizzjoni ma jista' jiġi dedott l-ebda dettall għall-mekkaniżmu tal-irtirar mis-suq. Madankollu, inqis li l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali għandhom ċerta rilevanza għall-eżami tat-tieni domanda preliminari. Fid-dawl taċ-ċirkustanzi tal-kawża prinċipali, il-konsegwenzi tal-kalkolu tal-kontribut għar-ristrutturazzjoni fuq il-bażi tal-kwota allokata ma jistgħux jiġu evalwati b'mod preċiż jekk fl-istess ħin jiġi injorat l-effett fuq il-produtturi taz-zokkor tal-irtirar mis-suq. Barra minn hekk, il-partijiet kollha li ntervjenew fil-kawża għamlu allegazzjonijiet dwar dan is-suġġett, biex b'hekk il-portata tal-verifika ġudizzjarja fir-rikors tar-rinviju ġiet estiża proporzjonalment.

75. Konsegwentement, il-Qorti tal-Ġustizzja, meta teżamina dan l-ilment, għandha tikkunsidra l-allegazzjonijiet tar-rikorrenti fil-kawża prinċipali, sa fejn dawn jikkonċernaw il-validità tal-Artikolu 11 tar-Regolament Nru 320/2006.

b) Eżami ta' ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni

76. L-ewwel nett għandna niċċaraw li fil-ħlas tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni, stabbilit fl-Artikolu 11(1), *per se* ma jista' jiġi kkonstatat l-ebda ksur tal-projbizzjoni ta' diskriminazzjoni, peress li l-impriżi kollha li baqgħu fis-suq taz-zokkor għandhom iħallsu dan il-kontribut ikkalkolat fuq il-bażi tal-kwoti li ġew allokati lilhom. Mill-bqija, ir-rikorrenti lanqas ma qed tikkontesta ċ-ċirkustanza li l-impriżi li jirrinunzjaw definittivament għall-kwota tagħhom ma jintalbux jiffinanzjaw il-fond għar-ristrutturazzjoni.

i) Kif taħdem is-sistema tal-koeffiċjenti

77. Qabel ma jiġi eżaminat l-ilment li jikkonċerna l-implementazzjoni mhux uniformi u għalhekk allegatament diskriminatorja tal-irtirar mis-suq, ikun aħjar jekk nispjegaw iktar fid-dettall kif taħdem is-sistema tal-koeffiċjenti kif ukoll ir-*ratio* u l-għan tagħha.

78. Permezz tal-Artikolu 44 tar-Regolament Nru 318/2006, il-Kummissjoni ġiet awtorizzata mill-Kunsill biex tadotta miżuri ħalli tiffaċilita t-tranżizzjoni tas-sitwazzjoni tas-suq tas-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2005/2006 għal dik tas-sena 2006/07, partikolarment billi tnaqqas l-ammont li jista' jiġi prodott taħt il-kwota. Fost dawn il-miżuri hemm l-irtirar preventiv mis-suq, irregolat mill-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 493/2006.

79. Il-limitu ffissat minn din id-dispożizzjoni jiġi kkalkolat, skont l-Artikolu 3(2), billi l-kwota allokata lill-impriża, skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 318/2006, tiġi mmoltiplikata bit-total ta' żewġ koeffiċjenti indikati fl-Artikolu 3(2)(a) u (b) tar-Regolament Nru 493/2006. Dawn huma, l-ewwel nett, il-koeffiċjent stabbilit fl-Anness I għar-Regolament Nru 493/2006, li skont in-noti ta' spjegazzjoni tal-Kummissjoni, jirrappreżenta taħlita bejn l-applikazzjoni tal-Artikolu 10(6) tar-Regolament Nru 1260/2001 [32] u l-metodi pprovduti fl-Artikolu 19 tar-Regolament Nru 318/2006 għall-irtirar mis-suq. It-tieni koeffiċjent iqis l-isforzi tar-rinunzja definittiva mis-suq magħmula mill-Istati Membri

32 — Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1260/2001 tad-19 ta' Ġunju 2001 dwar l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 3, Vol. 33, p. 17).

fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07 fil-kuntest tal-iskema għar-ristrutturazzjoni tar-Regolament Nru 320/2006 u ġie stabbilit mill-Kummissjoni permezz tar-Regolament Nru 1541/2006 [33].

80. L-allegazzjonijiet tar-rikorrenti evidentement jirreferu għall-applikazzjoni tal-koeffiċjent previst fl-Artikolu 3(2)(b) tar-Regolament Nru 493/2006.

81. Skont l-allegazzjonijiet konkordanti tal-Kummissjoni u tar-rikorrenti [34], l-applikazzjoni ta' dan il-koeffiċjent għas-sena ta' tranżizzjoni 2006/07 fissret li iktar ma jkun għoli l-limitu fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, iktar ikunu hemm kwoti li l-impriżi jirrinunzjaw għalihom skont it-tieni paragrafu tal-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 320/2006. Fi kliem ieħor, l-applikazzjoni ta' dan il-koeffiċjent għas-sena ta' tranżizzjoni 2006/07, timplika li l-impriżi stabbiliti fi Stat Membru fejn, fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07, ġew irrinunzjati b'mod definittiv inqas kwoti, jistgħu jbigħu inqas ammonti ta' zokkor fil-kuntest tal-iskema tal-kwoti meta pparagunati mal-każ li kieku kienu stabbiliti fi Stat Membri fejn ġew irrinunzjati b'mod definittiv iktar kwoti.

33 — Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1541/2006 tat-13 ta' Ottubru 2006 li jiffissa l-koeffiċjent sabiex ikun stabbilit il-limitu għall-irtirar imsemmi fl-Artikolu 3 tar-Regolament (KE) Nru 493/2006 (ĠU L 283, p. 22).

34 — Ara p. 6 tad-digriet tar-rinviju.

ii) Kunsiderazzjonijiet

— Qafas ta' referenza rilevanti

82. Biex jiġi ffissat il-limitu tal-irtirar, jeħtieġ li jsir kalkolu kkumplikat, li għandu jqis il-koeffiċjenti msemmija iktar 'il fuq iżda wkoll il-kwoti li fl-aħħar mill-aħħar ġew allokati lill-impriża rispettiva. L-allokazzjoni tal-kwota individwali mbagħad issir mill-Istat Membru korrispondenti, skont l-Artikolu 7 (2) tar-Regolament Nru 318/2006, fuq il-bażi tal-kwota nazzjonali ffissata mill-Kunsill.

83. Peress li, meta jiġi evalwat il-piż impost fuq l-impriżi individwali wara l-irtirar mis-suq, jitqiesu kemm fatturi tad-dritt Komunitarju kif ukoll fatturi tad-dritt nazzjonali, irridu nistaqsu jekk il-qafas ta' referenza biex tissolva l-kwistjoni jekk l-impriżi kkonċernati humiex qed jiġu ttrattati b'mod differenti jew le għandux jiġi stabbilit fuq il-livell Komunitarju jew fuq il-livell tal-Istat Membru korrispondenti.

ment tagħti lill-Istat Membru korrispondenti ċerta setgħa diskrezzjonali sabiex jagħmel għażliet ta' politika industrijali. Madankollu, mil-lat ġuridiku, fl-aħħar mill-aħħar għandna quddiemna att attribwibbli lil-leġiżlatur Komunitarju, tant li l-Kunsill u l-Kummissjoni, meta jiffissaw koeffiċjenti u kwoti speċifiċi għal kull pajjiż, jistabbilixxu l-bażi għal tnaqqis uniformi tal-produzzjoni żejda fl-Istati Membri kollha. Il-marġni ta' diskrezzjoni tal-Istati Membri, pereżempju fl-allokazzjoni mill-ġdid u fit-tnaqqis tal-kwoti, li l-Kummissjoni qed tirreferi għalihom, ma jistgħux inessuna li fl-aħħar mill-aħħar kien il-leġiżlatur Komunitarju li adotta d-deċiżjonijiet determinati sabiex jiġi stabbilit is-suq taz-zokkor. Huwa ħoloq organizzazzjoni tas-swieq fis-settur taz-zokkor għall-Komunità kollha, li fil-kuntest tagħha huwa jista' jagħmel użu minn diversi mekkaniżmi sabiex tiġi adattata l-produzzjoni, fost l-oħrajn, anki l-irtirar preventiv mis-suq inkwistjoni, previst fl-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 493/2006.

84. Skont il-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja, l-Istati Membri, meta jimplementaw regolamentazzjoni Komunitarja, għandhom josservaw il-prinċipju stabbilit fl-Artikolu 34 (2) KE, b'mod partikolari jekk din ir-regolamentazzjoni tħalli f'idejhom l-għażla bejn diversi metodi ta' applikazzjoni jew possibbiltajiet [35]. Il-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni, bħala regola ġuridika oġġettiva, għalhekk japplika mhux biss fir-rigward tal-leġiżlatur Komunitarju — li lejh huwa indirizzat prinċipalment — iżda anki fir-rigward tal-Istati Membri, sa fejn dawn joperaw, pereżempju, fuq il-bażi ta' awtorizzazzjoni bbażata fuq regolament Komunitarju jew meta qed jimplementawh [36].

85. Rigward din il-kawża, inqis li l-qafas ta' referenza biex ikun evalwat jekk hemmx differenza fit-trattament għandu jiġi stabbilit fuq il-livell Komunitarju u mhux fuq il-livell tal-Istati Membri. Fil-fehma tiegħi hija deċiżiva l-identifikazzjoni tal-korp deċiżjonali li lilu trid tiġi attribwita, fl-aħħar mill-aħħar, id-differenza fit-trattament. Tabilħaqq, naqbel mal-Kummissjoni li l-awtorizzazzjoni biex jiġu allokati l-kwoti, prevista fl-Artikolu 7 (2) tar-Regolament Nru 318/2006, effettiva-

86. Konsegwentement, il-qafas ta' referenza biex tiġi evalwata l-kwistjoni jekk hemmx differenza fit-trattament jew le għandu jiġi stabbilit fuq il-livell Komunitarju. Fil-prinċipju, għaldaqstant, huwa possibbli, mil-lat ġuridku, li f'ċirkustanzi bħal dawk li jikkaratterizzaw dan il-każ, is-sitwazzjoni tar-rikorrenti tiġi pparagunata ma' dik ta' impriża stabbilita fi Stat Membru ieħor.

35 — Ara s-sentenzi Klensch (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 28, punt 10); tat-13 ta' Lulju 1989, Wachauf (5/88, Ġabra p. 2609, punt 19); tal-11 ta' Lulju 1989, Daniel Cornée (196 sa 198/88, Ġabra p. 2309, punti 20 *et seq*); u tal-14 ta' Lulju 1994, Graff (C-351/92, Ġabra p. I-3361, punti 17 u 18).

36 — F'dan is-sens ara T. Van Rijn (iċċitat fin-nota ta' qiegħ il-paġna 22, Artikolu 34 KE, punt 59).

— Differenza fit-trattament

87. Skont ir-rikorrenti, is-sistema tal-koeffiċjenti twassal għal differenza fit-trattament tal-produtturi. Hija tirreferi, f'dan il-kuntest, għal każ ipotetiku li ħolqot hija stess, bil-għan li tippreċiża l-effett ta' din is-sistema, effett li ġie deskritt fil-punt 81 ta' dawn il-konklużjonijiet [37].

88. Permezz ta' dan il-każ ipotetiku, ir-rikorrenti tipparaguna l-effetti ta' tnaqqis mhux uniformi tal-kwoti f'żewġ Stati Membri tal-istess daqs li għandhom l-istess ammont ta' kwoti, maqsuma, f'kull każ, f'partijiet identiċi bejn żewġ impriżi nazzjonali. Jekk fi Stat Membru, waħda miż-żewġ impriżi li jipproduċu z-zokkor twaqqaf b'mod sħiħ jew parzjali l-produzzjoni tagħha u tirrinunzja għall-kwota, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament Nru 320/2006, l-impriża l-oħra li tinsab fl-Istat Membru li żamm il-produzzjoni sħiħa taz-zokkor, indirettament tibbenefika mill-aġir tal-ewwel impriża. Fir-rigward tal-impriżi paragunabbli tal-Istat Membru l-ieħor, fejn l-ebda waħda miż-żewġ impriżi ma tirrinunzja jew tillimita l-produzzjoni tagħha, il-kwota tal-impriża inkwistjoni tabilħaqq titnaqqas b'ammont ferm inqas minħabba r-rinunzja għall-kwota, li fuqha ma jkollha l-ebda influwenza, min-naħa tal-impriża l-oħra. L-impriżi tal-Istati Membri milquta l-iktar mit-tnaqqis, meta pparagunati mal-impriżi tal-Istati Membri l-oħra, jistgħu jbigħu inqas zokkor, fi proporzjon għall-prezz ta' referenza ta' EUR 631.9/t fis-sena ta' kummerċjalizzazzjoni 2006/07. Dan għandu jiġi kkunsidrat, skont ir-rikorrenti, bħala diskriminazzjoni skont l-Artikolu 34(2) KE.

89. Fil-fehma tiegħi, f'dan ir-rigward huwa suffiċjenti li jiġi mfakkar li l-ebda waħda mill-partijiet ma qed tikkontesta serjament li l-applikazzjoni tas-sistema tal-koeffiċjenti jkollha l-effett deskritt iktar 'il fuq. Għaldaqstant ma jistax jiġi eskluż li żewġ impriżi stabbiliti fi Stati Membri differenti jintlaqtu b'mod differenti minn irtirar mis-suq, skont id-daqs tal-parti tal-impriża, stabbilita fl-Istat Membru rispettiv, li tirrinunzja definittivament għall-produzzjoni. Jekk nitilqu mill-premessa, hekk kif sostnut mir-rikorrenti, li l-impriżi kkonċernati huma, għall-inqas formalment, indaqs [38], effettivament f'dawn il-kundizzjonijiet ikun hemm differenza fit-trattament.

37 — Ara p. 7 tad-digriet tar-rinviju.

38 — Perspettiva formali, *per se*, li però ma tindikax jekk l-impriżi kkonċernati humiex tabilħaqq ugwali mil-lat sostantiv. Fuq kollox, dan rari se jiġri, jew kważi qatt, fid-dawl tal-karatteristiċi partikolari tal-każ konkret (pereżempju, il-produzzjoni, it-talba, is-sitwazzjoni finanzjarja u d-daqs tal-impriża). Kif isostni ġustament J. Schwarze, *European Administrative Law*, l-ewwel edizzjoni, il-Lussemburgu 2006, p. 548, l-ugwaljanza qatt ma tista' tkun assoluta, iżda biss parzjalment u unikament f'dak li jikkonċerna ċerti karatteristiċi u ċerti relazzjonijiet. Sentenza li tikkonferma jew teskludi l-identità ta' żewġ oġġetti li qed jiġu pparagunati tista' tkun biss relattivament valida. Jekk jiġi sostnut li żewġ oġġetti huma assolutament identiċi, mill-perspettiva tal-awtur, dan imur assolutament kontra kull loġika. Rigward il-kawża *a quo*, ir-rikorrenti ma ppreżentat l-ebda argument jew kriterju biex issostni l-argument tagħha, jiġifieri li hija tinsab fl-istess sitwazzjoni tal-produtturi l-oħra taz-zokkor milquta.

— Ġustifikazzjoni

90. Huwa dubjuż jekk differenza fit-trattament potenzjali bħal din tal-impriżi fi Stat Membru meta pparagunat ma' ieħor tista' tiġi ġġustifikata b'mod oġġettiv.

91. L-ewwel nett, għandu jiġi stabbilit jekk il-mekkaniżmu tal-irtirar mis-suq — jekk jiġi osservat b'iktar attenzjoni kif jaħdem u l-għan tiegħu — hux mekkaniżmu li jippermetti differenzazzjoni skont il-każ. B'differenza minn dak li qalet ir-rikorrenti, l-ammont tal-limitu tal-irtirar ma jiġix iffissat skont it-territorju tal-Istati Membri iżda skont il-kundizzjonijiet tal-produzzjoni li jkun hemm minn darba għal oħra. Il-mekkaniżmu tal-irtirar mis-suq imfassal mil-leġiżlatur Komunitarju tabilħaqq huwa kkaratterizzat mill-fatt li huwa jqis b'mod speċjali l-karatteristiċi partikolari tal-produzzjoni taz-zokkor fl-Istat Membru rispettiv. Dan jista' jsir kemm mill-mod kif taħdem is-sistema tal-koeffiċjenti, kif ukoll mit-tqassim tal-kwoti individwali, li essenzjalment jitħalla fid-diskrezzjoni tal-Istati Membri. Għaldaqstant, skont il-ġurisprudenza, il-kriterji li jiġu applikati għal differenzazzjoni huma ammissibbli [39].

92. Rigward il-verifika jekk hemmx raġuni leġittima għal differenza fit-trattament, għandha ssir referenza għall-ġurisprudenza tal-Qorti tal-Ġustizzja [40], fejn jingħad li l-Kummissjoni, fir-rigward tal-interventi fis-suq, għandha marġni ta' evalwazzjoni wiesgħa, li jeskludi kwalunkwe awtomatizzazzjoni u għandu jiġi eżerċitat fid-dawl tal-għanijiet politiċi u ekonomiċi stabbiliti mir-regolament rispettivament fis-seħħ biex tiġi rregolata l-organizzazzjoni komuni tas-swieq fis-settur taz-zokkor. Għaldaqstant, skont il-Qorti tal-Ġustizzja, meta jsir il-kontroll tal-legalità tal-eżerċizzju ta' din il-libertà, il-qrati ma jistgħux jissostitwixxu l-evalwazzjonijiet li jagħmlu f'dak il-qasam għal dawk tal-awtorità kompetenti; kulma jistgħu jagħmlu huwa li jistabbilixxu jekk dawn humiex ivvizzjati minn żball manifest jew minn abbuż ta' poter. L-istess kunsiderazzjonijiet għandhom japplikaw fir-rigward tal-istħarriġ ġudizzjarju ta' differenza fit-trattament attribwibbli lill-Kummissjoni [41].

93. Għall-eżami tal-kwistjoni dwar il-ġustifikazzjoni jidhirli, l-ewwel nett, li hija rilevanti d-dikjarazzjoni tal-Kummissjoni [42], jiġifieri li

39 — Ara l-punt 69 tad-digriet tar-rinviju.

40 — Sentenza Westzucker (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 25, punt 14).

41 — Ara s-sentenzi tad-29 ta' Frar 1996, Franza u L-Irlanda vs Il-Kummissjoni (C-296/93 u C-307/93, Ġabra p. I-795, punt 31); u tas-17 ta' Lulju 1997, National Farmers' Union (C-354/95, Ġabra p. I-4559, punt 50). G. Thiele, f'*EUV/EGV Kommentar* (ed. C. Calliess/M. Ruffert), Artikolu 34, punt 57, p. 684 jirreferi għad-diskrezzjoni tal-leġiżlatur Komunitarju fil-kuntest tal-politika agrikola komuni u jqis li jista' jkun hemm dubji rigward deċiżjoni politika biss jekk din tidher ivvizzjata minn żball manifest fid-dawl tal-informazzjoni li jkollu meta tkun se tiġi adottata. A. Iliopouliou, "Le principe d'égalité et de non-discrimination", *Droit Administratif Européen* (ed. J.-B. Auby/J. Dutheil de la Rochere), Brussell 2007, p. 446, isostni li l-Qorti tal-Ġustizzja ġeneralment turi ċerta riżerva u jirreferi għas-setgħa diskrezzjonali wiesgħa tal-istituzzjonijiet Komunitarji biex jevalwaw sitwazzjoni ekonomika kkumplikata.

42 — Ara l-punt 53 tal-osservazzjonijiet tal-Kummissjoni.

l-leġiżlatur Komunitarju kellu l-ħsieb li jieħu inkunsiderazzjoni l-isforzi differenti minn Stat Membru għal ieħor, biex jiġi ristrutturat is-suq taz-zokkor, kif ukoll is-sitwazzjonijiet partikolari li jikkaratterizzaw lil ċerti Stati Membri.

94. Inqis li hija wkoll rilevanti d-dikjarazzjoni tal-Kunsill[43], jiġifieri li, fil-kuntest tad-dispożizzjonijiet ta' implementazzjoni, il-Kummissjoni ħolqot koeffiċjenti biex tnaqqas b'mod uniformi l-produzzjoni eċċessiva f'kull Stat Membru u fl-istess ħin tilħaq il-bilanċ fil-produzzjoni fil-Komunità kollha. Skont il-Kunsill, l-istrumenti ta' ġestjoni tas-swieq bħall-irtirar mis-suq, jekk ikun il-każ, għandhom jiġu applikati anki b'mod differenti, sabiex jintlaħaq il-bilanċ strutturali fil-Komunità. Jekk l-impriżi stabbiliti fi Stat Membru jirrinunzjaw b'mod volontarju għall-kwota tagħhom, dan l-Istat Membru diġà jkun naqqas il-produzzjoni għal livell partikolari. Fl-Istati Membri fejn il-kwoti tal-produzzjoni ntużaw kollha, bil-kontra jkun meħtieġ, skont l-argument tal-Kunsill, il-mekkaniżmu tal-irtirar mis-suq sabiex il-kwota tal-produzzjoni allokata lill-Istat Membru titnaqqas proporzjonalment.

95. L-għan ta' tnaqqis proporzjonali tal-kwota ta' produzzjoni allokata filwaqt li titqies il-produzzjoni taz-zokkor f'kull Stat Membru, sabiex ikun hemm stabilizzazzjoni uniformi tal-prezzijiet fuq il-livell Komunitarju, fil-fehma tiegħi, żgur li jista' jiġġustifika approċċ differenti fl-implementazzjoni tal-irtirar mis-suq, peress li, l-ewwel nett, dan l-għan iqis il-prinċipju tal-unità tas-suq intern Ewropew, li jirrikjedi prezzijiet komuni għall-prodotti rregolati[44], u, it-tieni nett, peress li rtirar mis-suq fl-aħħar mill-aħħar ikollu effetti li jibbenefikaw lill-produtturi kollha taz-zokkor tal-Komunità, inkluża r-rikorrenti.

96. Min-naħa l-oħra ma nistgħux nilmentaw li l-leġiżlatur Komunitarju għażel, fl-eżerċizzju tas-setgħa deċiżjonali tiegħu, li jirregola l-irtirar mis-suq, approċċ differenti, li jqis iċ-ċirkustanzi eżistenti ta' kull Stat Membru, u fuq kollox l-allokazzjoni individwali tal-kwoti

43 — Ara l-punt 45 tal-osservazzjonijiet tal-Kunsill.

44 — Ara I. Halla-Heißen/F. Nonhoff, *Marktordnungsrecht — Marktordnungswaren im grenzüberschreitenden Warenverkehr*, Köln 1997, p. 34. Skont dawn l-awturi, fil-liġijiet ibbażati fuq l-għanijiet tal-politika agrikola komuni, jiġu rikonoxxuti tliet prinċipji fundamentali: l-unità tas-suq, il-preferenza Komunitarja u s-solidarjetà finanzjarja. L-unità tas-suq tinkludi l-ewwel nett il-moviment liberu tal-prodotti agrikoli bejn l-Istati Membri. Id-dazji u l-ostakli għall-kummerċ kif ukoll is-sussidji tal-Istati Membri individwali għall-ekonomija agrikola tagħhom li jistgħu jwasslu għal distorsjoni tal-kompetizzjoni, għandhom jiġu esklużi. M'għandhiex tagħmel differenza jekk il-moviment liberu tal-prodotti jseħħ fi Stat Membru jew fis-suq intern. L-ewwel nett, dan jeħtieġ prezzijiet u regoli tal-kompetizzjoni komuni.

għal kull impriża skont l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 318/2006 kif ukoll il-parti tal-kwoti li ġew irrinunzjati definittivament skont l-Artikolu 3(1) tar-Regolament Nru 320/2006.

97. Min-naħa l-waħda, jiġi impost approċċ differenti minħabba raġunijiet ta' organizzazzjoni, peress li l-Istati Membri, minħabba l-għarfien preċiż tal-istrutturi u tal-kundizzjonijiet ta' produzzjoni rispettivi tagħhom, jinsabu fl-aħjar pożizzjoni biex jevalwaw l-ammissibbiltà tal-produtturi taz-zokkor skont kriterji sostantivi partikolari, bħal pereżempju l-ispeċjalizzazzjoni reġjonali [45] u l-kompetittività. Permezz tal-kontroll tal-produzzjoni taz-zokkor li sar meta ġew iddefiniti l-prijoritajiet, l-Istati Membri fl-aħħar mill-aħħar jagħtu l-kontribut tagħhom ukoll sabiex jintlaħaq l-għan tar-ristrutturazzjoni tal-Komunità.

98. Min-naħa l-oħra, naqbel mal-Kunsill li limitu ta' rtirar baxx differenti jiġi impost skont kemm tkun għolja l-parti tal-kwota li qed tiġi rrinunzjata definittivament. Fid-dawl tal-ħtieġa li jkun hemm tnaqqis proporzjonali fil-produzzjoni taz-zokkor fil-Komunità kollha, jidher li huwa ġġustifikat li l-limitu tal-irtirar f'dawk l-Istati Membri fejn il-produzzjoni diġà tnaqqset għal livell partikolari jiġi ffissat fuq livell ogħla. Bil-kontra, fi Stat Membru fejn ma kienx hemm rinunzji għall-kwota permezz ta' korrispettiv finanzjarju, ikun meħtieġ limitu tal-irtirar iktar baxx.

99. Fid-dawl tal-fatti u tal-argumenti kollha li tressqu quddiem il-Qorti tal-Ġustizzja, nikkonkludi li ma hemm l-ebda raġuni għaliex l-applikazzjoni tas-sistema tal-koeffiċjenti kkontestata biex jiġi ffissat il-limitu tal-irtirar hija vvizjata minn żball manifest jew minn abbuż ta' poter. Barra minn hekk, nemmen li din il-miżura lanqas ma twassal għal abbuż ta' poter min-naħa tal-leġiżlatur Komunitarju.

100. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet kollha preċedenti, l-allegazzjoni li kien hemm xi ksur tal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE għandha tiġi miċħuda.

45 — Il-Qorti tal-Ġustizzja, fis-sentenza Eridania (iċċitata fin-nota ta' qiegħ il-paġna 15, punt 20), ikkonstatat li tqassim tal-kwoti taz-zokkor stabbiliti bejn l-impriżi individwali skont il-produzzjoni effettiva tagħhom hija ġġustifikata peress li dan it-tqassim tal-piżijiet huwa konformi mal-prinċipju tal-ispeċjalizzazzjoni reġjonali, prinċipju bażiku tas-suq komuni, li jeħtieġ li l-produzzjoni tkun tista' ssir fil-post l-iktar adattat mil-lat ekonomiku. L-imsemmi tqassim huwa wkoll konformi mal-prinċipju ta' solidarjetà tal-produtturi, peress li l-produzzjoni hija kriterju leġittimu biex jiġu evalwati kemm l-importanza ekonomika tal-produtturi kif ukoll il-profitti li huma jagħmlu mill-iskema.

## VII — Konklużjoni

101. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet preċedenti, nipproponi lill-Qorti tal-Ġustizzja li tirrispondi kif ġej lill-Verwaltungsgerichtshofs:

1) L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 għandu jiġi interpretat bħala li anki kwota taz-zokkor li ma tistax tintuża minħabba l-irtirar preventiv mis-suq, skont l-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 493/2006 tas-27 ta' Marzu 2006, għandha tiġi inkluża fil-kalkolu tal-ammont temporanju għar-ristrutturazzjoni.

2) L-Artikolu 11 tar-Regolament (KE) Nru 320/2006 huwa kompatibbli mad-dritt primarju, u speċjalment mal-prinċipju ta' nondiskriminazzjoni kif stabbilit fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 34(2) KE u mal-prinċipju ta' proporzjonalità.